# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' Settembru, 2019.**

**Numru 14**

**Rikors numru 63/19/1**

**Marion Pace Axiaq, Robert Aquilina, Simon Sansone, Vicki Ann Cremona, u b'digriet tat-18 ta' Gunju 2019 l-isem ta' Vicki Ann Cremona gie sostitwit bl-isem ta' Pia Zammit u Emanuel Delia f'isem Repubblika, assocjazzjoni li hi registrata bhala persuna guridika mar-Registratur ghal Persuni Guridici**

**v.**

**L-Onor Prim Ministru u l-Onor Ministru ghall-Gustizzja**

**Preliminari**

1. Dawn huma zewg appelli principali, wiehed maghmul mill-atturi u l-iehor maghmul mill-konvenuti minn sentenza preliminari moghtija fit-22

ta' Mejju 2019 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili li permezz taghha dik il-Qorti iddecidiet hekk:

> "Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati in kwantu r-rikorrenti konformi ma' dak deciz ma ghandhomx l-interess necessarju biex iressqu din l-azzjoni abbazi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll li l-azzjoni mressqamir-rikorrenti skond l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni [ta' Malta] ma tippermettix talbiet dwar allegat lezjoni ta' drittijiet fondamentali kif imressqa fl-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni, u tichad l-eccezzjonijiet preliminari l-ohra kollha. Spejjez rizervati ghal gudizzju finali."

**Il-Mertu**

2. Permezz tal-proceduri odjerni l-atturi qed jikkontestaw is-sistema tal-hatra ta' magistrati u imhallfin fl-ordni guridiku Malti, u ghalhekk qed jikkontestaw il-validita` ta' dawk id-disposizzjonijiet tal-Att XLIV tas-sena 2016 safejn dawn jemendaw l-artikoli 96, 96A u 101[1] tal-Kostituzzjoni in kwantu, skond huma, l-emendi ghal dawn l-artikoli jikkozzaw ma' dak li jrid it-tieni sub-paragrafu tal-artikolu 19[1] tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [il-Karta],kif ukoll jikkozzaw mad-dispozizzjonijiet tal-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [Il-Konvenzjoni], u ghal dawn ir-ragunijiet qed jitolbu li l-Qorti:

> "1) Tordna **immedjatament** lill-intimati jieqfu jinnominaw, pendent din il-kawza, aktar Membri ghall-Bank tal-Gudikatura, sija bhala Magistrati u sija bhala Imhallfin;

---

[1] Fol. 60

“2) Tiddikjara u tiddeciedi illi bis-sistema ezistenti ta’ hatriet fil-gudikatura, Malta qed tikser l-obbligi taghha taht il-provedimenti kongunti tat-tieni sub-paragrafu ta’ Artiklu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u Artiklu 47 tac-Charter tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-provvedimenti ta’ Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll Artikli 1(1) u 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;

“3) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-hatriet ghall-bank tal-Gudikatura sija fil-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-Qrati Superjuri minghajr l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Venezja huma bi ksur l-Artiklu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, tal-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll l-Artikli 1(1) u 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;

“4) Tiddikjara u tiddeciedi li kull nomina ghall-Bank tal-Gudikatura bis-sistema ezistenti u pendenti dawn il-proceduri f’din il-kawza hija abbuziva, illegali u nulla u bla effett;

“5) Tordna fil-mertu lill-intimati ma jinnominawx aktar Magistrati u Imhallfin jekk mhux skond ir-Rakkomandazzjonijiet tar-Rapport tal-Kummissjoni Venezja kif ukoll skont il-provedimenti kongunti tat-tieni sub-paragrafu ta’ Artiklu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u Artiklu 47 tac-Charter tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll illi l-istess sistema qed tikser il-provvedimenti ta’ Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll Artikli 1(1) u 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;”

## **<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

3. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> “Ir-rikorrenti jissottomettu li din hi kawza ta’ invokazjoni ta’ drittijiet sanciti mit-Trattat tal-Unjoni Ewropea, ic-Charter tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, il-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Konvenzjoni Ewropea ghal allegat ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem, tat-Trattat tal-Unjoni, ic-Charter tad-Drittijiet tal-Unjoni u l-istess Kostituzzjoni ta’ Malta.
>
> “Fil-fehma tal-Qorti il-fatt li xpruna din l-azzjoni mat-talbiet inkluz dawk ta’ ‘interim measures’ maghmula wkoll b’rikors separat

huma l-hatra f'April 2019 ta' tlett avukati ghal Bank tal-Magistratura u l-elevazzjoni ta' tlett Magistrati ghal Bank tal-Imhallfin. Ir-rikorrenti jsostnu li dawn il-hatriet saru nonostante r-rapport Venezia mhejji mill-Kummissjoni li taghti pariri lil Kunsill tal-Ewropea fuq kwistjonijiet Kostituzzjonali li irravizat li s-sistema ta' hatra kif inhi prezentement 'falls short of ensuring judicial independence'.

"Il-Qorti tqis illi kawza ma issirx biex jigi enuncjat principju fl-astratt imma jrid jkollha fundament f'lezjoni ta' xi jedd jew dritt ta' liema xorta ikun li l-Qorti hija mitluba tindirizza u tadrizza skont il-ligi. Fil-gurisprudenza taghna wiehed jista' jiftah kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata ghal azzjoni definittiva. F'dan il-kaz il-Qorti ma tqis li dan hu l-kaz. Harsa lejn kif inhu redatt l-att promotur jaghti indikazzjoni cara illi bazikament dak li qed jintalab hu illi s-sistema adoperata llum tal-mod kif qed jigu appuntati membri tal-gudikatura bil-ligi vigenti senjatament l-artikolu 96, 96A u 101 tal-Kostituzzjoni huma lesivi tad-dritt tal-bniedem a bazi tal-artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikoli 1(1) u 39(2) tal-Kostituzzjoni. Qed jigi allegat ukoll illi l-immsemmija artikoli huma lesivi tal-artikolu 65(1) tal-Kostituzzjoni liema artikolu qed jigi abbinat mal-artikolu 19(1) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u artikolu 47 tac-Charter tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-istess Unjoni. Ir-rikorrenti jaghmluha cara li l-invokazzjoni tal-artikolu tat-Trattat u c-Charter mhux isiru ghax qed tintalab xi decizjoni fuq infrazzjoni tat-Trattat skont l-artikolu 258 tat-TFEU billi dan id-dritt jispetta lil Kummissjoni Ewropea quddiem il-Qorti Ewropea, izda ghaliex dawn il-principji huma s-sisien tad-dritt Ewropew li l-Istat ghandu jsegwi skrupolozament meta jigi biex jappunta individwi ghal gudikatura.

"Meta thares lejn l-azzjoni kif imposta, allura l-Qorti tqis li din hi kawza b'zewgt irjus cioe wahda ta' lezjoni ta' dritt fondamentali tal-bniedem cioe access ghal Qorti indipendenti a bazi tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6 tal-Konvenzjoni u ohra ta' lezjoni tal-istess Kostituzzjoni, l-artikolu 1(1) tal-Kostituzzjoni, u l-artikolu 65(1) tal-Kostituzzjoni abbinati mat-Trattat (artikolu 19(1) u c-Charter (artikolu 47). L-att promotur innifsu ma jispecifikax in-natura ezatta tal-kawza ghalkemm saret b'rikors guramentat.

"Waqt it-trattazzjoni l-Qorti stabbiliet mill-kjarifika mitluba mid-difensuri tar-rikorrenti illi l-azzjoni saret a bazi tal-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni, cioe azzjoni popolari fejn qed jigu attakkati bhala invalidi l-artikoli 96, 96A u 101 tal-Kostituzzjoni b'referenza ghall lezjoni tal-artikoli citati fil-paragrafu precedent (ara fol. 187 u 188 tat-trattazzjoni tad-difensur tar-rikorrenti).

"**L-ewwel eccezzjoni preliminari**

“L-intimati jsostnu li t-talba hi inammissibli ghax ma hemmx fondament guridiku peress illi essenzjalment ir-rikorrenti qed jesperixxu azzjoni ta’ infrazzjoni tad-dritt Ewropew kontra l-Istat Malti li jispetta biss lil Kummissjoni Ewropea.

“Il-Qorti ma taqbilx mal-intimati li din il-kawza ma fihix fondament guridiku. Kif intqal precedentement il-Qorti tqis li din hi kawza fejn qed jintalab lil Qorti tqis li hemm allegat lezjoni ta’ dritt fondamentali ghax is-sistema tal-appuntament ta’ membri tal-gudikatura hi lesiva tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni, f’dik li hi l-independenza tal-gudikatura, kif ukoll allegazzjoni ta’ ksur tal-Kostituzzjoni fl-artikolu 1(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 65 tal-Kostituzzjoni abbinat mal-artikolu 19 tat-Trattat u l-artikolu 47 tac-Charter tad-Drittijiet. Dak li qed jigi attakkat qua ligi huma l-artikoli 96, 96A u 101 billi qed jinghad li s-sistema kif jigu appuntati membri tal-gudikatura b’diskrezzjoni kwazi assoluta tal-Prim Ministru f’dawn il-hatriet hi lesiva ta’ dawn id-drittijiet. Il-locus standi tar-rikorrenti jemani mill-impostazzjoni tal-kawza skont l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni kif sottomess u iccarat mid-difensuri tar-rikorrenti.

“Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

“**It-tieni eccezzjoni preliminari**

“L-intimati jsostnu illi l-azzjoni hi nulla ghax r-rikorrenti ma osservawx id-dettami tal-artikolu 156(1)(d) tal-Kap. 12 li jghid:

> “(1) Ir-rikors guramentat ghandu jitlesta mill-attur u ghandu jkun fih -
>
> “(d) f’kull rikors guramentat ghandu jkun hemm stampat b’ittri cari u precizi taht l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li gej:
>
> "Min jircievi dan ir-rikors mahluf kontra tieghu ghandu jipprezenta r-risposta mahlufa tieghu fi zmien ghoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioe minn meta jirceviha. Jekk ma tigix ipprezentata r-risposta mahlufa bil-miktub kif trid il-ligi saz-zmien imsemmi, il-Qorti tghaddi biex taghti d-decizjoni skont il-ligi.
>
> “Ghalhekk huwa fl-interess ta’ min jircievi dan ir-rikors mahluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma’ x’ghandu xi jghid fil-kawza.".

“L-intimati jsostnu li l-azzjoni rikorrenti mhix cara u billi ma hemmx indikat li din hi azzjoni Kostituzzjonali (fejn la jittiehed il-gurament kontra dak li jirrizulta f’dan il-kaz, u anqas lista ta’ xhieda), r-rikorrenti kellhom isegwu d-dettami tal-ligi f’dik li hi t-twissija li hi kondizzjoni tassativa u li hi nieqsa mill-att promotur.

"Ir-rikorrenti huma kawti fir-risposta ghal din l-eccezzjoni. Huma jinsistu li la darba l-Qorti tat-digriet dwar iz-zmien ghat-twegiba u din saret, ma hemmx kwistjoni ohra x'tigi kunsidrata u in ogni kaz kwistjoni ta' din il-gravita ma tistax tigi intralcjata fuq kwistjoni simili.

"Il-Qorti gia esprimiet ruhha aktar il-fuq dwar in-natura tal-azzjoni u tqis li qed tigi mibnija fuq allegazzjoni ta' lezjoni ta' drittijiet fondamentali tal-bniedem u ksur ta' dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni (artikolu 1 u 65 abbinat mat-Trattat u c-Charter). Fil-fehma tal-Qorti la darba din hi azzjoni impostata fuq l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni kif isostnu l-istess rikorrenti l-Qorti tqis li kellhom jigu applikati d-dettami tal-artikolu 156(4) billi fin-natura taghha din hi kawza li taqa' fil-gurisdizzjoni tal-Qrati Civili Ordinarji. In-nullita tal-azzjoni trid tigi ravvizata a bazi tal-artikolu 789 tal-Kap. 12 u ebda wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-istess artikolu ma huma rilevanti ghal dan il-kaz biex jigi dikjarat in-nullita tal-azzjoni. Fi kwalunkwe kaz l-istess artikolu jqis li ma hemmx lok ghal nullita f'kull kaz iehor meta ebda pregudizzju ma gie rekat lil kontroparti. F'dan il-kaz in-nuqqas tat-twissija ma gabet ebda pregudizzju billi l-intimati irrispondew ghal lanjanzi u ghamlu s-sottomissjonijet kollha biex jirrespingu l-pretensjonijiet tar-rikorrenti (ara **Diane Vella et vs Medserv Operations Limited**, PA 31/10/2008).

"Ghalhekk l-eccezzjoni qed tigi michuda.

"**It-tielet eccezzjoni preliminari**

"L-intimati jsostnu li l-ewwel talba attrici hi ezawrita bid-digriet taghha tal-25 ta' April 2019 fejn cahdet rikors tar-rikorrenti biex ma jsirux il-hatriet li kellhom isiru dahinhar.

"Il-Qorti ma taqbilx ma din l-eccezzjoni. It-talba tar-rikorrenti tmur lil hinn mill-hatriet li sehhew fil-25 ta' April 2109 ghalkemm kienet l-intenzjoni taghhom li dawk il-hatriet ma jsirux anqas. Meta l-Qorti ippermettiet li jsiru c-cerimonji tal-hatriet ma fissritx b'daqshekk li hi kienet qed tapprovahom jew tippregudika l-ewwel talba attrici imma f'dak l-istadju bikri tal-proceduri u fejn il-hatriet saru f'perjodu ta' ftit sieghat mill-prezentata tal-kawza, il-Qorti ma kinitx konvinta li t-tkomplija tal-procedura tal-hatriet kienet ser tikkreja pregudizzju irrimedjabbli (sottolinear tal-Qorti). Dan il-kliem fisser li jekk il-Qorti meta tqis il-mertu tal-azzjoni, jekk issib li l-eccezzjonijiet preliminari ma ghandhomx fondament, tirraviza ksur, ir-rimedju hu wiehed wiesa tenut kont in-natura tal-azzjoni, u r-rimedji disponibbli f'tali kaz. Pero tali konsegwenzi jafuhom il-partijiet u kulhadd irid jerfa' r-responsabilta ghal azzjonijiet tieghu.

"Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

“**Ir-raba’ eccezzjoni preliminari**

“Din l-eccezzjoni tqis in-nuqqas ta’ locus standi tal-Ministru tal-Gustizzja. L-intimati jsostnu li japplika l-artikolu 181B tal-Kap. 12 fejn hu l-kap tad-dipartiment tal-Gvern inkarigat mill-kwistjoni li jirraprezenta l-Gvern. Fil-kaz odjern il-hatra tal-membri tal-gudikatura skont l-artikolu 96 u 101 tal-Kostituzzjoni issir mill-President tar-Repubblika skont il-parir tal-Prim Ministru. Ghalhekk il-Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali ma ghandux locus standi. Il-Qorti ma taqbilx ma’ din is-sottomissjoni billi hu l-Ministru tal-Gustizzja responsabbli minn dak id-dekasteru li hu responsabbli ghal Qrati tal-Gustizzja u hu verosimili li hu f’pozizzjoni ta’ influenza biex jaghti l-pariri lil Prim Ministru fuq il-hatriet disponibbli u l-persuni eligibbli. Hu minnu li fl-ahhar mill-ahhar, l-ahhar kelma hi tal-Prim Ministru imma kif qalet il-Qorti fil-kaz Raymond Cassar Torreggiani et vs Avukat Generali et (PA Kost 27/09/2012), il-legittimi kontraditturi jinkludi kemm dawk direttament u indirettament li jridu jirrispondu ghal ghemil li jikser id-dritt fondamentali ta’ persuna u dawk li jridu jaghmlu tajjeb billi jipprovdu rimedju xieraq ghal nuqqasijiet u ghemejjel ta’ haddiehor li jikser dak id-dritt fondamentali. Ghalhekk il-Qorti tqis li l-Ministru responsabbli mill-Gustizzja mhuwiex estraneju ghal dawn il-proceduri li jolqtu lil Ministeru tieghu marbut ukoll mal-prerogattiva tal-Prim Miinistru li jappunta l-Magistrati u Imhallfin ghal bank tal-gudikatura.

“**Is-sitt eccezzjoni preliminari**

“L-intimati jsostnu li r-rikors promotur hu irritwali ghax hemm konfuzjoni ta’ talbiet taht il-Kostituzzjoni, il-ligijet tal-Unjoni Ewropea u allegazzjoni ta’ ksur ta’ dritt fondamentali. Huma jghidu li in kwantu l-azzjoni hi bazata fuq allegazzjoni ta’ ksur ta’ drittijiet tal-bniedem, hi nulla ghax mhix konformi mar-regoli dwar il-prattika u procedura civili, peress li resqu kawza civili izda dahlu talbiet ta’ natura Kostituzzjonali.

“L-intimati ma irrispondewx b’mod car ghal din l-eccezzjoni. Din il-Qorti gia esprimiet il-fehma li din hi actio popolaris kontenenti allegazzjonijiet ta’ ksur ta’ drittijiet tal-bniedem skont l-istess Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni kif ukoll ksur tal-istess Kostituzzjoni fl-artikoli 1 u 65 u artikoli tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u c-Charter tad-Drittijiet tal-istess Unjoni.

“Ghalhekk din l-eccezzjoni ma hix ser tintlaqa’. Dak li jrid jigi deciz hu kemm u kif japplikaw l-imsemmija ligijiet ghall-azzjoni kif maghmula taht il-kappa ta’ azzjoni popolari. Wara kollox sta ghar-rikorrenti li jaghzlu l-mod kif iressqu kawza u t-talbiet maghmula u hi l-Qorti li ghandha l-obbligu li tqis l-azzjoni fil-parametri migjuba quddiemha.

"**Il-hames, is-seba' u t-tmien eccezzjonijiet preliminari**

"L-intimati jsostnu fil-hames eccezzjoni taghhom li r-rikorrenti ma ghandhomx interess guridiku jippromuovu din l-azzjoni. Izidu fis-seba' u t-tmien eccezzjoni illi c-Charter tad-Drittiijiet tal-Bniedem mhux applikabbli ghal kaz in ezami kif mhux applikabbli l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

"Huma jghidu hekk:

"Illi essenzjalment dak li qed jaghmlu r-rikorrenti huwa li jikkontestaw is-sistema ta' hatriet fil-gudikatura u dan minkejja li r-rikorrenti ma jorbtu tali kontestazjzoni mal-ebda gudikant partikolari. Dan qieghed jinghad stante li r-rikorrenti mhumiex qeghdin jghidu fl-azzjoni taghhom li xi hatra fil-gudikatura irrekatilhom xi pregudizzju stante li l-kawza taghhom giet assenjata lil xi gudikant li mhuwiex munit b'indipendenza u b'imparzjalita jew li mhuwiex ser jaghtihom rimedju effettiv. L-azzjoni odjerna hija wahda ta' ezercizzju politiku u forsi akkademiku fejn huwa evidenti anke mad-daqqa ta' ghajn li r-rikorrenti ma ghandhomx dak l-interess attwali u personali fl-azzjoni istitwita minnhom liema interess guridiku certament li ma kienx sodisfatt fil-mument tal-intavolar tal-azzjoni odjerna.

"Illi jsegwi ghalhekk illi b'dan il-proceduri ma jista' jinkiseb l-ebda rizultat guridiku vantaggjuz jew utili ghar-rikorrenti u dan stante li minn imkien ma gie pruvat mir-rikorrenti li hemm gudikanti li qeghdin jisimghu l-kawzi taghhom ma joffrux l-afidament necessarju tal-imparzjalita u l-indipendenza u li huma karenti mill-garanziji ta' smigh xieraq. Ghalhekk l-azzjoni odjerna hija karenti mill-interess li huwa necessarju sabiex titkompla. Illi l-Qrati nostrani dejjem irritenew illi 'il-mizura tal-istess interess hija determinata u cirkoskritta mit-termini tac-citazzjoni, mill-obbjett tad-domanda ('petitum') u mill-motivi indikati fic-citazzjoni ('causa petendi')' (Kollez Vol XLV PI Pg 58).

"Illi l-artikolu 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jitratta l-kamp ta' applikazzjoni u testwalment dan l-artikolu, jipprovdi illi:

> "1. Id-disposizzjonijiet ta' din il-Karta huma intizi ghall-istituzzjonijiet, ghall-korpi u ghall-agenziji tal-Unjoni fir-rispett tal-principju ta' sussidjarjeta u ghall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplimentaw il-ligi tal-Unjoni. Huma ghandhom ghaldaqstant jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-principjji u jippromwovu l-applikazzjoni taghhom, skont il-kompetenzi rispettivi taghhom u fir-rispett tal-limiti tal-kompetenzi tal-Unjoni kif moghtija lilha fit-Trattati.
> "2. Il-Karta ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-ligi tal-Unjoni lil hinn mill-kmompetenzi tal-Unjoni jew ma tistabbilixxi

> ebda setgha jew komptitu gdid ghall-Unjoni, u ma timmodifikax il-kompetenzi definiti fit-Trattati.

"Illi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprovdi li dan l-artikolu konvenzjonali huwa applikabbli sabiex jiddetermina "criminal charge" jew "civil right or obligation". Illi l-mekkanizmi ta' hatra ta' gudikanti ma jinvolvu l-ebda ezami ai fini ta' determinazzjoni ta' htija tal-persuna jew xi dritt jew obbligu civili u ghalhekk dawn il-mekkanizmi ma jaqghux fl-ambitu ta' determinazzjoni ta' akkuza kriminali jew ta' drittijiet civili ai termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Illi l-istess jipprovdi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

"Ir-rikorrenti invece jsostnu li l-interess guridiku li jridu juru mhux dak li hu tradizjonalment rikjest f'kawzi civili izda li potenzjalment fil-futur jimpattaw persuna fit-tgawdija tad-dritt tal-bniedem li jirrendi dik il-persuna bhala vittma b'locus standi f'kawza tad-drittijiet tal-bniedem minghajr ma juri li kien jew hu 'personally, directly and negatively affected by it'. L-ezistenza ta' ligi fil-qafas legislativ taghti dritt lil kull persuna potenzjalment affettwat minnha biex jghid li hu vittma.

"Il-Qorti tqis li l-kwistjoni trid tigi maqsuma biex jigu ezaminati t-talbiet tar-rikorrenti mat-tip ta' kawza promossa, u kif l-interess guridiku jista' japplika skont it-tip ta' lezjoni li qed tigi allegata.

"Ir-rikorrenti josostnu li din hi azzjoni popolari maghmula a bazi tal-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dan l-artikolu jghid hekk:

> "Dritt ta' azzjoni ghal dikjarazzjoni li xi ligi tkun invalida ghal xi ragunijiet hlief inkonsistenza mad-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 ta' din il-Kostituzzjoni tkun tappartjeni lill-persuni kollha minghajr distinzjoni u persuna li ggib azzjoni bhal dik ma tkunx mehtiega turi xi interess persunali b'appogg ghall-azzjoni taghha.

"Jibda biex jinghad li l-asoscjazzjoni hi entita guridika stabbilita mill-ligi. La darba sostniet li din hi azzjoni popolari msejsa fuq l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni allura ma tistax tinvoka l-artikolu 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni bhala lment ghax eskluzi mill-istess natura tal-azzjoni u ghalhekk kull referenza ghal talba dwar xi lezjoni tal-artikolu 39 ma tistax titqies mill-Qorti.

"In kwantu ghall-applikabilita tal-azzjoni kif imsejsa fuq l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni l-Qorti tqis li dan l-artikolu japplika fil-kuntest ta' determinazzjoni ta' dritt jew obbligazzjoni civili jew akkuza kriminali da parti tal-persuna li qed tinvoka tali artikolu u jrid jigi ezaminat fil-kuntest tal-Kapitolu 319 li hu t-traspozizzjoni tal-Konvenzjoni ghal ligijiet ta' Malta safejn applikabbli.

"Skont il-Practial Gude on Admissibility Criteria ghal Konvenzjoni (updated 2018) li din il-Qorti tqis li ghandha taghmel referenza ghaliha ghall-ahjar interpretazzjoni u applikazzjoni tal-artikolu korrispettiv tal-Kap. 319 biex wiehed ikun jista' javvali ruhu mill-artikoli tal-Konvenzjoni jrid ikun konformi ma' dak li jrid l-artikolu 34 tal-Konvenzjoni cioe persuna eligibbli li tista' titqies li ghandha d-dritt ghal protezzjoni moghtija u li tali persuna hu vittma ta' tali vjolazzjoni ta' dritt. In kwantu l-eligibilita tal-assocjazzjoni, l-istess artikolu 34 isemmi fost l-ohrajn organizzazzjonijet mhux governattivi, bhal ma hi l-assocjazzjoni rikorrenti. In kwantu ghal prova li l-assocjazzjoni titqies bhala vittma, dan irid jittiehed fil-kuntest ta' dak mitlub. In principju azzjoni popolari mhix ammessa kif mhix ammessa fil-Kostituzzjoni Maltija skont l-artikolu 116. Dan ghalhiex il-gwida tqis li l-artikolu 34 ma jistax jigi applikat 'in abstracto' u li applikant irid jipprovdi provi ragonevoli u konvincenti li x'aktarx ser ikun hemm vjolazzjoni li ser taffettwah personalment. Il-Qorti issib illi l-azzjoni popolari mressqa mill-assocjazzjoni rikorrenti ma resqitx tali prova necessarja f'dan il-kuntest tal-proceduri. Dak li qed jigi allegat hu li s-sistema tal-hatra tal-gudikanti kif ilha ezistenti mill-Indipendenza lil hawn b'diskrezzjoni ampja tal-Prim Ministru fuq tali hatriet x'aktarx tista' tilledi d-dritt ghal smigh xieraq minn Qorti indipendenti fid-determinazzjoni ta' xi dritt civili jew dak relatat ma' akkuza kriminali b'rabta mas-sistema kif qed jigu appuntati membri tal-gudikatura. Pero din hi biss sottomissjoni ipotetika fl-isfond tal-ispirtu tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 6 tal-Kap. 319. Huma biss f'sitwazzjonijiet pjuttost ristretti fejn ir-rekwizit ta' vittma gie estiz ghal persuni mhux direttament miulquta izda x'aktarx ser jigu milquta fil-gurisprudenza ta' Strasburgu (ara **Klass and Other vs Germany** u **Soering vs UK** jew **Dudgeon vs UK**). Il-kaz quddiem il-Qorti, fil-fehma tal-Qorti ma jistax jitqies fl-istess keffa ghax ma hemmx dak in-ness fattwali mehtieg bejn dak li qed jigi sottomess qua sistema ta' hatra fil-gudikatura ma' xi biza li l-assocjazzjoni ghandha li qed jinkiser jew x'aktarx ser jinkiser id-dritt taghha ta' smigh minn Qorti indipendenti fl-ambitu ta' xi determinazzjoni ta' xi dritt civili taghha jew offiza ta' natura kriminali.

"Il-kawza pero ghandha faccata ohra cioe li l-istess Kostituzzjoni qed tigi vjolata a bazi tal-artikolu 1(1) tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 65 tal-Kostituzzjoni abbinat mal-artikolu 19(1) tat-Trattat u 47 tal-Karta tad-Drittijiet. Testwalment dawn l-artikoli jghid hekk:

> "**1.(1)** Malta hija repubblika demokratika bbazata fuq ix-xoghol u fuq ir-rispett ghad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwu.
>
> "**65.(1)** Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, il-Parlament jista' jaghmel ligijiet ghall-paci, ordni u gvernar tajjeb ta' Malta b'mod konformi ma' rispett

shih ghad-drittijiet tal-bniedem, il-principji generalment accettati tad-dritt internazzjonali u l-obbligi internazzjonali u regjonali ta' Malta partikolarment dawk assunti bit-trattat tal-adezjoni mal-Unjoni Ewropea iffirmat f'Ateni fis-16 ta' April, 2003.
"(2) Bla hsara ghall-generalità tas-subartikolu (1) u suggetti ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (3), (4) u (5) ta' dan l-artikolu, il-Parlament jista' b'ligi jistabbilixxi l-privileggi, immunitajiet u setghat tal-Kamra tad-Deputati u l-membri taghha.
"(3) Ma jistghu jittiehdu ebda proceduri civili jew kriminali kontra xi membru tal-Kamra tad-Deputati ghal kliem li jkunu ntqalu quddiem, jew miktuba f'rapport lil, il-Kamra jew kumitat taghha jew minhabba xi kwistjoni jew haga migjuba hemm minnu b'petizzjoni, abbozz, rizoluzzjoni, mozzjoni jew xort'ohra.
"(4) Matul kull sessjoni l-membri tal-Kamra tad-Deputati ghandhom igawdu libertà minn arrest ghal kull dejn civili hlief dejn li l-eghmil tieghu jikkostitwixxi reat kriminali.
(5) Ebda procediment mahrug minn xi qorti fl-ezercizzju civili taghha ma ghandu jigi notifikat jew esegwit gewwa r-recinti tal-Kamra tad-Deputati waqt li l-Kamra tkun f'seduta jew permezz tal-iSpeaker, l-Iskrivan jew xi ufficjal tal-Kamra.

"**19(1)** The Court of Justice of the European Union shall include the Court of Justice, the General Court and specialised courts. It shall ensure that in the interpretation and application of the Treaties the law is observed.

"Member States shall provide remedies sufficient to ensure effective legal protection in the fields covered by Union law.

**"47** Everyone whose rights and freedoms guaranteed by the law of the Union are violated has the right to an effective remedy before a tribunal in compliance with the conditions laid down in this Article.

"Everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal previously established by law. Everyone shall have the possibility of being advised, defended and represented.

"Legal aid shall be made available to those who lack sufficient resources in so far as such aid is necessary to ensure effective access to justice.

"Il-Qorti tirreleva illi a bazi tal-artikolu 116 gia citat ir-rikorrenti qed iressqu azzjoni ghal invalidita ta' ligi. Huma qed isostnu fit-trattazzjoni tal-kawza illi l-artikoli 96, 96A u 101 mhux qed isegwu dak li jistipula l-istess artikolu 65(1) meta dan jirreferi ghal obbligi internazzjonali specjalment dawk assunti bit-Trattat tal-Unjoni Ewropea. Ir-rikorrenti qed jallegaw li l-artikolu 19 u l-artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet qed jigu ivvjolati. L-intimati jsostnu li r-rikorrenti ma jistghux jinvokaw l-artikolu 47 tal-Karta

peress li skont l-artikolu 51 tal-Karta dan l-artikolu japplika biss meta l-ilment jirrigwarda t-thaddim ta' ligi tal-Unjoni (ara **Raymond Caruana vs Avukat Generali**, 25/10/2013) mentri hawn si tratta ta' thaddim ta' artikolu tal-Kostituzzjoni. Din il-Qorti ma taqbilx ghax ir-rikorrenti qed jabbinaw dan l-artikolu mal-artikolu 19 tat-Trattat tal-Unjoni. Jekk l-artikolu tat-Trattat u l-Karta jikkostitwux ligi tal-Unjoni u sa fejn huma applikabbli ghal kaz in ezami trid tigi ezaminata fil-mertu tal-azzjoni pero ma tistax tintlaqa' l-eccezzjoni preliminari tal-intimati f'dan ir-rigward.

"Il-Qorti tqis illi l-intimati ma semmew xejn qua eccezzjoni preliminari rigward l-ammissibilita tal-azzjoni a bazi tal-artikolu 19 tat-Trattat u kwindi l-Qorti ser tezamina fil-mertu l-applikabilita ta' dan l-artikolu flimkien mal-artikolu 47 tal-Karta ghall-azzjoni kif impostata mir-rikorrenti, tenut in konsiderazzjoni l-eccezzjonijiet tal-intimati.

"Ghalkemm jissemma fir-rikors promotur l-aritkolu 1(1) tal-Kostutuzzjoni li jaghmel dikjarazzjoni ta' principji bhala bazi tal-fondament tar-Repubblika, din il-Qorti ma tqis li dan l-artikolu hu fih innifsu mertu ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet jew vjolazzjoni ghalih fih innifsu anzi dan hu principju fondatur tar-Repubblika u ghandu jitqies fl-isfond tal-ligijiet kollha li jsiru b'rispett lejn il-principji imsemmija."

## <u>L-Appelli</u>

### *L-Appell tal-Atturi*

4. L-atturi appellaw minn dik is-sentenza permezz ta' rikors prezentat fl-10 ta' Gunju 2019. L-appell taghhom hu bazat fuq zewg aggravji: [1] li l-ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni skorretta tal-kuncett ta' *victim status* u [2], li l-ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni skoretta tal-jedd kontemplat fl-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni.

5. Abbazi tal-premess l-atturi qed jitolbu li s-sentenza appellata tigi revokata fil-parti *"fejn laqghet l-eccezzjoni tal-konvenuti inkwantu m'ghandhomx l-interess necessarju biex iressqu din l-azzjoni abbazi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni kif ukoll skond l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni."*

6. Ghal dan l-appell wiegbu l-konvenuti b'risposta prezentata fil-25 ta' Gunju 2019 li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm spjegati, qed jitolbu li l-appell tal-atturi jigi michud bl-ispejjez kontra taghhom.

*L-Appell tal-Konvenuti*

7. Il-konvenuti wkoll appellaw mis-sentenza appellata permezz ta' rikors prezentat fl-14 ta' Gunju 2019. Huma qed jibbazaw l-appell taghhom fuq hames aggravji: [1] li l-mertu tal-ewwel talba kellu jigi dikjarat ezawrit bil-hatriet li saru fil-25 ta' April 2019; [2] li l-Ministru konvenut mhuwiex legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri; [3] li l-ewwel Qorti waqghet fl-*ultra* u l-*extra petitum* meta ddecidiet abbazi tal-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni; [4] li l-azzjoni odjerna mhijex mibnija fuq l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni u [5] li l-Karta mhijiex applikabbli.

8. Ghal dan l-appell wiegbu l-atturi b'risposta prezentata fit-12 ta' Lulju 2019 li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm spjegati, qed jitolbu li l-appell tal-konvenuti jigi michud bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti.

## L-Aggravji

*L-Ewwel Aggravju tal-Konvenuti*

9. Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ikkonkludiet li l-ewwel talba fir-rikors promotur *"tmur lil hinn mill-hatriet li sehhew fil-25 ta' April 2019"*[2]. Il-konvenuti jsostnu li mal-pronunzjament tad-digriet tal-25 ta' April 2019 il-meritu tal-ewwel talba gie ezawrit. Dak id-digriet kien inghata fuq talba tal-atturi biex *"immedjatament jieqfu jinnominaw pendenti din il-kawza [kostituzzjonali] aktar membri ghall-bank tal-gudikatura."*[3] Il-Qorti, wara li hadet konjizzjoni tar-risposta tal-konvenuti, ipprovdiet hekk: *"Billi fil-fehma tal-Qorti ma tqis li tezisti cirkostanza ta' pregudizzju irrimedjabbli kif qed jallegaw ir-rikorrenti, tichad it-talba."*[4]

10. Huma fissru hekk dan l-aggravju:

> "Illi jekk wiehed janalizza ezattament x'gie deciz jidher li dak li kien deciz huwa effettivament il-mertu tal-ewwel talba u dan stante li dak li ntalab mill-appellati kien sabiex il-Qorti tohrog ordni sabiex l-intimati ma jinnominawx aktar Membri ghall-Bank tal-Gudikatura fil-pendenza tal-kawza odjerna. Illi meta l-Ewwel Qorti wieznet dak li kellha quddiemha iddecidiet li c-cirkostanzi ma kienux tali li jimmeritaw l-ilqugh tal-ewwel talba, madanakollu, mal-pronunzjament tad-Digriet taghha tal-25 ta' April 2019, l-ewwel talba fir-rikors promotur giet ezawrita u dan stante li giet deciza.

[2] Sent pga.11
[3] Ibid Fol.49
[4] Ibid Fol.50

> "Illi fil-fehma tal-esponenti bid-Digriet taghha l-Ewwel Qorti iddecidiet dak dedott fl-ewwel talba tal-appellati meta cahdet l-ewwel talba kif dedotta fir-rikors promotur liema cahda tal-ewwel talba fil-fehma tal-esponenti hija cara. Illi t-talba maghmula mill-appellati kienet ikkwalifikata fis-sens li b'mod immedjat fil-pendenza tal-kawza l-Qorti taghti ordni kawtelatorja fis-sens li tieqaf kull nomina ghall-Bank tal-Gudikatura. Illi tali talba taqa' lf-isfera ta' mizura provvizorja f'kuntest ta' azzjoni kostituzzjonali li minflok saret permezz ta' rikors separat saret permezz ta' talba fil-kawza kostituzzjonali. Dan jissejjes aktar meta tali talba tigi inkwadrata fil-kuntest tal-talbiet l-ohra fir-rikors promotur fejn fit-talbiet l-ohra l-appellati jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom. Illi ma hemm l-ebda dubju li dak li ddecidiet l-Ewwel Qorti permezz tad-Digriet tal-25 ta' April 2019 kien din it-talba ghall-ghoti ta' mizura provvizorja fil-kuntest ta' azzjoni kostituzzjonali liema mizura hija fin-natura taghha mezz ta' ordni kawtelatorju li jinhareg mill-Qrati muniti b'gurisdizzjoni kostituzzjonali fejn il-Qrati jirravizaw prima facie dritt u pregudizzju irrimedjabbli. Illi tant l-Ewwel Qorti kienet qieghdha tiddeciedi dina t-talba permezz ta' mizura provvizorja li c-cahda tat-talba kienet bazata fuq in-nuqqas ta' pregudizzju irrimedjabbli."

11. Min-naha taghhom l-atturi jirrispondu ghal dan l-aggravju billi jissenjalaw li, l-meritu tal-ewwel talba fir-rikors promotur ghadu ma giex deciz. Huma jissenjalaw dak li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, jigifieri: li l-ewwel talba taghhom tmur lil hinn mill-hatriet li sehhew fil-25 ta' April 2019; li f'dak l-istadju bikri tal-proceduri u fejn il-hatriet saru f'perijodu ta' ftit sieghat mill-prezentata tal-kawza, dik il-Qorti ma kinitx konvinta li t-tkomplija tal-procedura tal-hatriet *"tikkrea pregudizzju irrimedjabbli"* u, li l-Qorti irrizervat li tiddeciedi dwar il-mertu tal-ewwel talba fis-sentenza finali taghha. Huma komplew ifissru fir-risposta taghhom li l-ewwel Qorti ghamlitha cara, li dik il-Qorti kienet konxja li, wara li jinstema' il-mertu tal-azzjoni, taf tasal ghal decizjoni li timporta maghha rimedju jew rimedji wiesa' hafna.

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

12. Din il-Qorti tosserva li d-digriet formanti l-mertu ta' dan l-appell huwa wiehed ta' natura provvizorja u ghalhekk ghandu jirrizulta car li ma kienx intiz sabiex tigi deciza l-ewwel talba tal-atturi fir-rikors promotur. Dik il-Qorti cahdet it-talba tal-attur maghmula fir-rikors tal-25 ta' April 2019 ghax dehrilha li f'dak l-istadju bikri tal-proceduri ma intwerhiex li jirrizulta pregudizzju irrimedjabbli. Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti spjegat b'mod inekwivoku li *"jekk il-Qorti meta tqis il-mertu tal-azzjoni, jekk issib li l-eccezzjonijiet preliminari m'ghandhomx fondament, tirravviza ksur, ir-rimedju hu wiehed wiesa' tenut kont tan-natura tal-azzjoni u r-rimedji disponibbli f'tali kaz."*

13. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

*It-Tieni Aggravju tal-Konvenuti*

14. Dan jirrigwarda l-legittimazzjoni passiva tal-Ministru konvenut u jirriferi ghal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma gietx milqugha l-eccezzjoni li l-Ministru mhuwiex legittimu kontradittur fil-proceduri odjerni. Huma jibbazaw dan l-aggravju fuq id-dispost tal-artikolu 181B

tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili[5]. Jfissru hekk dan l-aggravju:

> "Illi l-appellanti jibdew billi jissottomettu li fejn tidhol ir-rapprezentanza tal-Gvern huwa necessarju li wiehed ihares lejn l-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li ddahhal fis-sistema guridika nostrana bis-sahha tal-Att XXIV tal-1995. Illi bhala regola, l-Artikolu 181B tal-Kap. 12 jipprovdi li l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Illi s-subinciz (2) tieghu jipprovdi li l-Avukat Generali ghandu jirraprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jkunu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-Kapijiet tad-Dipartimenti l-ohra tal-Gvern.
>
> "Illi abbazi ta' dan l-artikolu tal-ligi, mehud mill-kodici tal-procedura nostrana, wiehed jista' jidentifika liema hija dik l-entita` partikolari li ghandha tirrapprezenta lill-Gvern fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji. F'dan il-kuntest, huwa wisq evidenti li l-hsieb tal-legislatur hawnhekk kien proprju li l-Gvern f'azzjonijiet gudizzjarji ma jigixi rapprezentat minn plurita` ta' persuni jew entitajiet izda kemm jista' jkun minn persuna jew entita` wahda biss. Dan gie mnizzel fil-ligi sabiex tigi riflessa kemm l-unitarjeta` tal-Gvern u kif ukoll biex anke ma jigux inkorsi spejjez gudizzjarji multeplici w inutili bil-prezenza ta' numru ta' imharrkin diversi li wara kollox inkunu qeghdin jirrapprezentaw lill-istess persuna guridika.
>
> "Illi sabiex wiehed ikun jista' jistabilixxi b'mod cert liema entita` tal-Gvern ghandha r-rapprezentanza tal-Gvern fi proceduri partikolari, wiehed irid bilfors ihares lejn dak li jkun qieghed jigi mfittex fir-rikors promotur permezz tat-talbiet hemm imfissra. Dan ghaliex il-kontradittorju hu determinat fuq il-bazi tad-domanda hekk kif din tkun giet proposta (ssir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et** deciza fil-5 ta' Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell).
>
> "Illi fil-kaz odjern, l-azzjoni tal-appellati hija diretta lejn il-mekkanizmu stabbilit fil-Kostituzzjoni ta' Malta sabiex jinhartu membri tal-gudikatura. Illi minn ezami kemm tal-Artikolu 96 tal-Kostituzzjoni li jitratta l-hatra tal-imhallfin u tal-Artikolu 100 tal-Kostituzzjoni li jitratta l-hatra tal-magistrati huwa car li l-hatra tal-membri tal-gudikatura ssir mill-President ta' Malta li jagixxi skont il-parir tal-Prim Ministru. Illi minn dawn id-disposizzjonijiet jirrizulta li dina l-mansjoni hija fdata f'idejn il-President ta' Malta li huwa obbligat li jimxi fuq il-parir tal-Prim Ministru filwaqt li l-Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali ma ghandu l-ebda funzjoni ghal dak li jirrigwarda r-rakkomandazzjonijiet ta' hatriet ta' membri tal-gudikatura u l-ezekuzzjoni taghhom mill-President. Illi ghalkemm fid-dekasteru u fil-mansjonijiet tal-Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali hemm fost mansjonijiet ta' dana l-Ministru l-Qrati madanakollu dan ma jfissirx li

[5] Kif emendat bl-Att XXIV 1995

> huwa dan il-Ministru li jappunta lill-membri tal-gudikatura izda li jfisser biss huwa li politikalment l-isfera tal-gustizzja hija fdata lill-Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali. Illi mill-banda l-ohra l-poter li jigu appuntati membri tal-gudikatura liema poter huwa sancit fil-Kostituzzjoni huwa fdat f'idejn il-President ta' Malta li ghandu l-obbligu li jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Prim Ministru. Illi konsegwentement, fil-fehma tal-appellanti l-Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali gie mharrek hazin u dan stante li ma ghandux il-funzjoni legislattiva li jahtar jew li jirrakkomanda l-hatra tal-membri tal-gudikatura.
>
> "Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravju tal-appellanti li l-azzjoni odjerna mhijiex *action popolaris* skont l-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni, l-appellanti jirrilevaw li l-fatt fih innifsu li l-Ewwel Qorti irritjeniet (fil-fehma umli tal-esponenti ultra u extra petita) li l-azzjoni odjerna hija *actio popolaris* jfisser li l-Ministru appellant qatt ma seta' b'dan ir-ragunament jigi kunsidrat bhala legittimu kontradittur fil-kuntest ta' *actio popularis*."

15. Min-naha taghhom l-atturi jirribattu ghal dan l-aggravju bis-sottomissjoni li f'dan l-istadju tal-procduri kien ferm prematur li l-ewwel Qorti tiddeciedi fuq din l-eccezzjoni tal-konvenuti, ghax huwa biss wara li l-gbir tal-provi jkun maghluq li l-Qorti tkun fil-posizzjoni li tiddeciedi jekk il-Ministru konvenut ghandux locus standi jew le.

16. Inoltre`, il-Ministru koncernat huwa involut fil-process tal-ghazla ta' nomini ta' gudikanti da parti tal-Prim Ministru, tant hu hekk li huwa dejjem ikun prezenti, fost ohrajn, matul il-hatra tal-gudikant. Jghidu li *"Zgur ma jkunx hemm bhala vazun, imma ghax ikun involut."* Il-legittimazzjoni tal-Ministru konvenut tohrog ukoll minn dak li jghid l-artikolu 101A[13] tal-Kostituzzjoni.

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

17. Fir-rigward din il-Qorti tirribadixxi li:

> "…. il-konvenut **huwa l-Gvern ta' Malta** u, jekk ghandu jinghata rimedju mill-Gvern ta' Malta, kull ma hu mehtieg hu illi l-gvern ikun rapprezentat fil-kawza. Il-kwistjoni ghalhekk ma hijiex jekk ghandux ikun imharrek l-Avukat Generali jew l-Awtorita` tad-Djar, izda min ghandu jidher f'isem il-Gvern ta' Malta. Dwar dan, il-ligi, fl-art. 181 B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, hija cara: f'isem il-Gvern ta' Malta jidher il-"kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni"; jidher l-Avukat Generali f'isem il-Gvern ta' Malta biss "f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern." [para.5][6]

18. Fil-kaz odjern, minkejja li l-Ministru intimat ikun huwa involut fil-process tal-hatra fi kwalita` konsultattiva, xorta wahda skond l-artikolu 181B fuq citat m'ghandux legittimazzjoni passiva biex jirrapprezenta l-Gvern ta' Malta u ghalhekk ma' jistax jitqies bhala legittimu kontradittur.

19. Il-kaz citat fis-sentenza appellata ta' *Raymond Cassar Torreggiani et vs Avukat Generali*[7] ma' jista' jkun ta' ebda konfort ghat-tezi tal-konvenuti tenut kont li f'dak il-kaz ir-rimedju mitlub u moghti kien jaffettwa lill-inkwilini u ghalhekk dawn kellhom jigu citati fil-gudizzju ghall-integrita` tal-gudizzju. Ghal kuntrarju, fil-kaz odjern, f'kaz ta' sejbien ta' vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali, ir-rimedju ghandu jinghata mhux mill-Ministru intimat izda mill-Gvern ta' Malta. Strettament, skond l-istess art. 181B lanqas ma ghandu jkun il-Prim Ministru li jirrapprezenta l-Gvern ta' Malta izda l-Avukat Generali. Madankollu, billi ma tressqet ebda eccezzjoni dwar hekk, il-Qorti ma

[6] Q.Kos.21/2012 Carmelo Grech et v. Awtorita` tad-Djar, deciz 29 ta' Jannar 2016; ara ukoll Q.Kos. 74/12 Luigia Attard v. Prim Ministru, 30 ta' Ottubru 2015
[7] Kos.1/12 deciza 29 ta' April 2016

hijiex sejra tordna li l-Prim Ministru jinheles mill-harsien tal-gudizzju, ukoll ghax, jekk taghmel hekk, ma jibqa' hadd fil-kawza biex jidher ghall-Gvern".

20. Fl-ahhar jigi osservat li certament l-prezenza tal-Ministru ghac-cerimonja tal-hatra mhuwiex fattur relevanti fid-determinazzjoni dwar jekk il-Ministru ghandux locus standi jew le.

21. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat u qed jigi milqugh.

*It-Tielet Aggravju tal-Konvenuti*

22. Dan hu dirett lejn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti osservat li *"Il-locus standi tar-rikorrenti jemani mill-impostazzjoni tal-kawza skond l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni kif sottomess u iccarat mid-difensur tar-rikorrenti."* Il-konvenuti jissenjalaw li minn imkien ma jirrizulta mir-rikors promotur li l-azzjoni hija imsejsa fuq l-artikolu fuq citat tal-Kostituzzjoni u ghalhekk l-ewwel Qorti fir-rigward waqghet fl-*ultra* u l-*extra petitum* meta iddecidiet l-eccezzjoni tal-interess guridiku abbazi tal-artikolu 116. Huma jkomplu jfissru hekk dan l-aggravju:

> "Illi l-unika darba li l-appellati semmew l-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni kien biss fis-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub meta kienu qeghdin jindirizzaw l-eccezzjonijiet preliminari mqajma mill-esponenti. Illi kif dejjem ghallmitna din l-Onorabbli Qorti, l-azzjoni hija mfassla permezz tar-rikors promotur u li t-trattazzjoni bil-miktub jew bil-fomm ta' parti ma tbiddilx la l-kawzali u lanqas it-talbiet liema kawzasli u talbiet iridu

jirrizultaw *ad validitatem* mir-rikors promotur. Illi minkejja dak li nsibu fir-rikiors promotur, l-Ewwel Qorti harget 'il barra mill-parametri tal-kawza u marret lil hinn minn dak mitlub minnha fir-rikors promotur abbazi ta' mera sottomissjoni f'nota.

"Illi huwa principju maghruf li l-gudikant fl-ghoti tas-sentenza f'kawza ghandu joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illi, waqt li hu obbligat li jokkupa ruhu mill-kwistjonijiet kollha dedotti mill-partijiet, min-naha l-ohra ma jistax jitratta u jirrisolvi l-kwistjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu. Illi ghalhekk ikun milqut mill-vizzju tal-ultra u extra petizzjoni dak il-gudikant li jippronunzja ruhu oltre l-limiti tal-pretensjonijiet jew ta' l-eccezzjonijiet imressqa mill-partijiet, ossia fuq materja estraneja ghall-oggett tal-gudizzju, li ma jkunx ukoll rilevabbli *ex officcio*.

"Illi minn ezami anke superficjali tar-rikors promotur minn imkien ma jirrizulta li l-azzjoni odjerna hija wahda mibnjija abbazi tal-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni u dan l-artikolu issemma biss mill-appellati bhala argument li ngieb sabiex jilqghu ghall-eccezzjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku. Madanakollu huwa risaput li azzjoni hija arginata fir-rikors promotur u li certament li argumenti li jingiebu mill-partijiet fil-kuntest ta' sottomissjonijiet bl-ebda mod ma jbiddlu l-azzjoni kif definita fir-rikors promotur."

23. Min-naha taghhom l-atturi jirribattu ghal dan l-aggravju fir-risposta taghhom ghar-raba' aggravju tal-konvenuti.

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

24. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li mir-rikors promotur jirrizultaw cari l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni, kif ukoll l-mertu tal-ilment tal-atturi li essenzjalment huwa li s-sistema tal-hatriet fil-gudikatura hija vjolattiva tat-Trattat, tal-Karta u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Konformament mal-premessi u mal-kawzali, huma essenzjalment qed jitolbu dikjarazzjoni gudizzjarja tal-vjolazzjoni allegata minnhom u r-rimedju ghal tali vjolazzjoni. Ghalhekk l-azzjoni

proposta mill-atturi mhijiex nieqsa minn xi rekwizit ghall-validita` taghha, u l-fatt li matul il-kawza huma laqghu ghall-eccezzjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku sollevata mill-konvenut billi ipprecizaw li dan l-interess ma' kienx mehtieg stante li l-azzjoni hija wahda li taqa' fil-parametri tal-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni, ghal-liema sottomissjoni l-konvenuti kellhom l-opportunita` li jirrispondu kif fil-fatt ghamlu, ma' jdghajjef bl-ebda mod il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li tikkunsidra li l-azzjoni hija dik imsejha *actio popularis*. Ma hemm xejn fir-rikors promotur li jmur kontra dik l-konkluzjoni, safejn l-atturi jallegaw li l-artikoli 96, 96A u 101 tal-Kostituzzjoni, li fuqhom hija bazata s-sistema ta' hatra ta' gudikaneti, huma vjolattivi tat-Trattat u tal-Karta. Ghaldaqstant mhix korretta s-sottomissjoni tal-konvenuti li, bid-dikjarazzjoni li l-azzjoni hija mibnija fuq l-artikolu 116 l-ewwel Qorti harget barra mil-limiti tal-kontestazzjoni kif tohrog mir-rikors promotur u mill-eccezzjonijiet. Fi kliem iehor, il-fatt li l-atturi ma specifikawx fir-rikors promotur li qed jibbazaw l-azzjoni taghhom ukoll fuq l-artikolu 116 mhijiex fatali ghall-validita` tar-rikors, meta f'dak l-istadju l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku ma kinitx ghadha sollevata mill-konvenuti.

25. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*Ir-Raba' Aggravju tal-Konvenuti*

26. Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta sabet li l-azzjoni odjerna mhijiex wahda mibnija abbazi tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem izda hija *actio popularis*. Huma jsostnu li minn imkien fir-rikors promotur ma jirrizulta li l-azzjoni odjerna hija *actio popularis*. Inoltre, anke *dato non concesso* jirrizulta lil din il-Qorti li l-azzjoni hija fil-fatt bazata wkoll fuq l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti kompetenti biex tezamina tali azzjoni hija l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, u mhux il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza ordinarja taghha.

27. Huma jkomplu jfissru hekk dan l-aggravju:

> "Illi kif diga` gie relevat mill-appellanti fl-aggravju precedenti, fl-ebda parti tar-rikors promotur ma nsibu accenn ghall-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni jew ghall-fatt li l-azzjoni odjerna hija *actio popularis*."
>
> …………….omissis ………………..
>
> "Illi ghalhekk l-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni jipprovdi ghall-possibilita` ta' *actio popolaris* sabiex jigi attakkat u impunjat att legislattiv liema azzjoni tispetta lil kull individwu minghajr il-htiega li jintwera interess guridiku. Illi fl-azzjoni odjerna l-appellanti qeghdin jallegaw li s-sistema li s-sistema ta' hatriet ta' membri tal-gudikatura tikser id-disposizzjoni tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, disposizzjonijiet fil-Kostituzzjoni ta' Malta inkluz disposizzjonijiet li jipprotegu d-drittijiet fundamentali, disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll il-Karta tad-Drittijiet tal-Unjoni Ewropea. Fl-ebda parti tar-rikors promotur ma nsibu li l-appellati qeghdin jattakkaw il-validita` ta' xi ligi izda hija s-sitema li qieghdha tigi attakkata u li ghalhekk wiehed irid jaghmel distinzjoni bejn il-legittimita` ta' setgha li taghti xi ligi u l-legittimita` ta' l-ezercizzju ta' dik is-setgha. Illi jidher li dak li qieghed jigi attakkat bil-kawza odjerna huwa l-uzu tas-setgha fdata sabiex jinhatru l-gudikanti b'referenza ghal hatriet partikolari u l-appellati jargumentaw li l-ezercizzju ta' dina s-setgha ghandu jigi rivedut billi jittiehdu in kunsiderazzjoni r-rakkomandazzjonijiet maghmula mill-Kummissjoni Venezja.
>
> "Illi maghdud ma' dan, jinghad ukoll li minn dak provdut fl-Artikoli 116 u 95(2)(e) tal-Kostituzzjoni: wahda mill-Qrati Superjuri, maghmula minn

tlieta mill-Imhallfin li jkunu jistghu, skont xi ligi li ghal dak iz-zmien tkun issehh f'Malta, joqoghdu fil-Qorti ta' l-Appell, ghandha tkun maghrufa bhala l-**Qorti Kostituzzjonali** u jkollha gurisdizzjoni li tisma' u tiddeciedi – (e) appelli minn decizjonijiet ta' xi qorti ta' gurisdizzjoni originali f'Malta fuq kwistjonijiet dwar il-validita` ta' ligijiet li ma jkunux dawk li jistghu jaqghu taht l-artikolu 46 ta' din il-Kostituzzjoni, johrog car li l-Qorti kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta' azzjoni taht l-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni hija l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sede kostituzzjonali taghha."

28. Min-naha taghhom l-atturi jirribattu ghal dan l-aggravju u ghal dak precedenti billi jghidu li, apparti li m'ghadux iz-zmien ta' formalizmu zejjed, l-ewwel Qorti uriet li fehmet li l-azzjoni hija *actio popularis* u l-kompetenza taghha li tezamina tali azzjoni issib konfort fil-gurisprudenza lokali.[8] L-atturi jissottomettu wkoll li, ladarba d-dritt in dizamina li hu dak tal-protezzjoni tal-indipendenza tal-gudikatura, huwa wiehed, minkejja li jinvolvi ezami ta' allegat ksur ta' diversi ligijiet, jigifieri l-Kostituzzjoni, il-Konvenzjoni, it-Trattat u l-Karta, allura ma hemm xejn vjolattiv tal-ligi li l-ksur tad-diversi ligijiet jigi ezaminat f'kawza wahda.

29. Barra minnhekk huma jissenjalaw dak li jghid l-artikolu 65 [1] tal-Kostituzzjoni, li l-Parlament Malti jista' jaghmel ligijiet b'mod konformi, fost ohrajn, mal-*"..obbligi internazzjonali u regjonali ta' Malta partikolarment dawk assunti bit-trattat tal-adezjoni mal-Unjoni Ewropea iffirmat f'Ateni fis-16 ta' April 2003."*[9] L-atturi jkomplu billi jiccitaw l-artikolu 3 [2] tal-Att tas-sena 2003 dwar l-Unjoni Ewropea u jenfasizzaw li skond dak l-Att ligi li tkun inkompatibbli ma' l-obbligazzjonijiet ta' Malta

[8] Huma jiccitaw minn sentenza fil-kawza numru 423/14 PA Ballut Blocks Services Ltd v. Andrew Chetcuti Ganado et deciza 11 ta' Jannar 2017.
[9] Kos. Art.65[1]

taht it-Trattat hija, sa fejn inkompatibbli, bla effett u ma tistax tigi enforzata.

30. L-atturi jissenjalaw li l-artikolu 19[1] tat-Trattat jaghmilha cara li l-Istati Membri ghandhom jipprovdu r-rimedji mehtiega sabiex jassiguraw il-protezzjoni legali effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni Ewropea, u jissottomettu li ghalhekk abbazi tal-principji ta' ekwivalenza u effettivita' l-atturi ma jistghux jigu michuda "l-access ghal din il-kawza" sabiex jirreklamaw l-invalidita` ta' provvedimenti ta' ligijiet nazzjonali ghaliex jekk dan isehh, ikun jikkostitwixxi ksur tal-istess artikolu 19[1].

31. Huma jfissru hekk ir-risposta taghhom:

> "Illi t-talbiet attrici huma mfassla fuq il-ksur tal-principju tal-indipendenza tal-gudikatura li huwa mhares minn erba' provvedimenti differenti ta' ligi, u cioe`, Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u Artiklu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoi Ewropea moqri flimkien ma' Artiklu 47 tal-Karta tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali;
>
> "Illi l-fatt li l-principju tal-indipendenza tal-gudikatura huwa protett f'dawn l-artikli kollha ma jfissirx, kif jargumentaw ripetutament l-intimati, li r-rikorrenti kellhom jintavolaw kawzi separati.
>
> "Semmai ifisser illi r-rikorrenti appellati Repubblika kellhom juzaw il-buon sens u jintavolaw kawza wahda, kif fil-fatt ghamlu, stante illi l-pregudizzju huwa wiehed u cioe` l-ksur tal-principju tal-indipendenza tal-gudikatura. Jekk dan il-principju huwa protett minn provvedimenti diversi, kemm that il-Kostituzzjoni, kemm taht il-Konvenzjoni Ewropea, kemm taht it-Trattat tal-Unjoni Ewropea kif ukoll that il-Karta tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali, semmai juri l-gravita` massima tal-ksur tal-principju tal-indipendenza tal-gudikatura u li hemm ksur ta' diversi ligijiet f'daqqa u mhux ta' wahda biss.
>
> "Illi huwa minnu illi l-interess guridiku rikjest mill-provvedimenti guridici msemmija huwa differenti u cioe` fuq naha, il-*victim status* fejn si tratta

ta' Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u fuq in-naha l-ohra, l-*actio popolaris* fejn si tratta ta' Artiklu 19(1) tat-Trattat u Artiklu 47 tal-Karta.

"Madankollu, dan ma jfissirx li kellhom isiru kawzi differenti meta si tratta tal-istess punt, lo-istess fatti u l-istess principju tal-indipendenza tal-gudikatura hekk kif protett minn dawn l-istrumenti legali kollha;

"Illi l-ewwel Qorti kienet korretta meta trattat din il-kawza bhala wahda essenzjalment mibnija fuq zewg pilastri u cioe`, fuq naha wahda t-talbiet attrici marbuta mal-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni flimkien ma' Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u fuq naha ohra, mal-Artikli 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea moqri flimkien ma' Artiklu 47 tal-Karta tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali;

"Illi l-ewwel Qorti ddecidiet li in kwantu tistrieh fuq Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, ir-rikorrenti m'ghandhomx interess guridiku biex imexxu l-kawza, u konsegwentement cahdet ukoll it-talba taghhom ghal *interim measures* in kwantu jistghu jigu ordnati ai termini ta' dawn il-provvedimenti. Dwar din il-parti tas-sentenza (tal-*interim measures*), ir-rikorrenti intavolaw appell kif gia' intqal aktar 'il fuq u ghaldaqstant mhux ser jidhlu f'dan il-punt f'din in-nota ghaliex diga` issottomettew l-argumenti taghhom fl-imsemmi appell;

"Illi l-ewwel Qorti ddecidiet ukoll illi in kwantu l-kawza tistrieh fuq Artiklu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u Artiklu 47 tal-Karta tal-Unjoni Ewropea, ir-rikorrenti m'ghandhom bzonn juru interess personali stante li f'dan ir-rigward il-kawza hija wahda ta' *action popolaris* ai termini ta' Artiklu 116 tal-Kostituzzjoni u ghaldaqstant tista' ssir minn kulhadd bla distinzjoni. Fuq dan il-punt appellaw l-intimati mentri r-rikorrenti jsostnu li l-ewwel Qorti kienet assolutament korretta fid-decizjoni li waslet ghaliha;

"Illi l-esponenti se jghaddu biex jissottmetta ghaliex, fil-fehma umli taghhom l-ewwel Qorti kienet korretta meta qalet li din il-kawza hija *actio popolaris* ai termini ta' Artiklu 116 tal-Kostituzzjoni in kwantu tistrieh fuq Artiklu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u Artiklu 47 tal-Karta;

"Illi Artiklu 116 tal-Kostituzzjoni jghid hekk:

> "*Dritt ta' azzjoni ghal dikjarazzjoni li xi ligi tkun invalida ghal xi ragunijiet hlief inkonsistenza mad-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 ta' din il-Kostituzzjoni tkun* ***<u>tappartjeni lill-persuni kollha minghajr distinzjoni</u>*** *u* ***<u>persuna li ggib azzjoni bhal dik ma tkunx mehtiega turi xi interess personali</u>*** *b'appogg ghall-azzjoni taghha*.

"Illi l-esponenti qed jissottomettu illi s-sistema ta' hatriet tal-membri tal-gudikatura f'pajjizna mhix kompatibbli mal-Artikli 19(1) tat-Trattat u

Artiklu 47 tal-Karta in kwantu jiksru l-principji tal-indipendenza tal-gudikatura;

“Wiehed ma jistax jinsa l-**<u>art. 65(1)</u>** tal-Kostituzzjoni ta’ Malta:

> “(1) bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta’ din il-Kostituzzjoni, il-Parlament jista jaghmel ligijiet ghall-paci, ordni u gvernar tajjeb ta’ Malta b’mod konformi ma’ rispetto shih ghad-drittijiet tal-bniedem, il-principji generalment accettati tad-dritt internazzjoni **<u>u l-obbligi internazzjonali u regjonali ta’ Malta partikolarment dawk assunti bit-trattat tal-adezjoni mal-Unjoni Ewropea iffirmat f’Ateni fis-16 ta’ April, 2003</u>**”

“Bl-argument tieghu, l-Avukat Generali li qed jinsa, u jrid inessi, l-art. 65(1) tal-Kostituzzjoni. Iebsa kemm hi iebsa ghall-klijenti tal-Avukat Generali biex igerrhuha, il-Parlament Malti ma jistax jaghmel ligijiet mhux in konformita mal-obbligi internazzjonali ta’ Malta, partikolarment dawk assunti bit-Trattat tal-Adezjoni mal-Unjoni Ewropea. Ghalhekk u7koll l-appellati qed jibbazaw il-kawza taghhom fuq l-art.19(1) tat-Trattat mal-Unjoni Ewropea u l-Art.47 tal-Karta.

“Illi s-sistema ta’ hatriet tal-membri tal-gudikatura f’pajjizna ssib il-bazi legali taghhom fl-Artikli 96, 96A u 100 tal-Kostituzzjoni hekk kif emendati bl-Att 44 tal-2016;

“Illi l-esponenti jqisu li kemm dawn l-Artikli tal-Kostituzzjoni, kemm l-Att 44 tal-2016 **kif ukoll** il-mod ta’ kif gew applikati jew mhaddma mill-Onor Prim Ministru huwa bi ksur car tal-imsemmija Artikli tat-Trattat u tal-Karta;

“Illi huwa risaput fid-duttrina u gurisprudenza tal-ligi tal-Unjoni Ewropea illi f’kaz fejn ligi nazzjonali ma tkunx konformi mal-ligi tal-Unjoni Ewropea, jghodd il-principju tas-supremazija jew primat tal-ligi Ewropea hekk kif stabbilit ghal dawn l-ahhar 55 sena mill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea sa mis-sentenza *Costa v Enel* (C-6/64) li hija l-gebla tax-xewka ta’ din id-duttrina. Dan ifisser illi kull provvediment ta’ ligi nazzjonali li tikkozza mal-ligi tal-Unjoni Ewropea ghandha *ipso iure* titqies bhala **invalida, nulla u bla effett**;

“Illi dan jirrizulta mhux biss mill-gurisprudenza tal-QGUE li turbot f’Malta izda tirrizulta sahansitra wkoll mil-ligi Maltija u cioe` Artiklu 3(2) tal-Att tal-2003 dwar l-Unjoni Ewropea (Att V tal-2003) li sahansitra jillegisla b’mod li jdahhal din id-duttrina fil-ligi nazzjonali meta jipprovdi illi:

> “3(2) *Kull provvediment ta’ ligi li mid-data msemmija jkun* ***inkompatibbli*** *ma’ l-obbligazzjonijiet ta’ Malta taht it-Trattat jew li jidderoga minn xi dritt moghti lil xi persuna bit-Trattat jew tahtu ghandu, saejn dik il-ligi tkun inkompatibbli ma’ dawk l-obbligazzjonijiet jew safejn tkun tidderoga minn dawk id-drittijiet,* ***ikun bla effett u ma jkunx jista’ jigi infurzat****.*

"Illi jsegwi kwindi illi fejn ligi Maltija mhix kompatibbli mal-ligi tal-Unjoni Ewropea, tghodd il-ligi Ewropea filwaqt li l-ligi Maltija titqies invalida, nulla, bla effett u mhux infurzabbli;

"Illi huwa proprju dan li qeghdin jitolbu r-rikorrenti permezz tal-kawza odjerna u cioe` li jigi dikjarat li s-sistema ta' hatriet ta' membri tal-gudikatura f'pajjizna hekk kif stabbilita f'Artikli 96, 96A u 100 tal-Kostituzzjoni kif emendate b'Att 44 tal-2016, kif ukoll l-*applikazzjoni* tal-imsemmija provvedimenti permezz tal-hatriet tal-membri tal-gudikatura li jsiru b'diskrezzjoni wiesa' tal-Onor Prim Ministru mhumiex kompatibbli mal-ligi tal-Unjoni Ewropea u ghaldaqstant ghandhom jitqiesu bhala invalidi, nulli, bla effett u mhux infurzabbli in kwantu hemm din l-inkompatibilita`;

"Illi la darba qed tigi kkontestat l-validita` ta' provvediemnti tal-ligi Maltija isegwi bic-car illi r-rikorrenti jistghu jsitriehu fuq Artiklu 116 tal-Kostituzzjoni biex jipprezentaw il-kawza odjerna stante illi kawza ta' dan it-tip "**tappartjeni lill-persuni kollha minghajr distinzjoni** u **persuna li ggib azzjoni bhal dik ma tkunx mehtiega turi xi interess persunali** b'appogg ghall-azzjoni taghha" hekk kif stipulat fl-imsemmi ARtiklu;

"Illi ta' min ifakkar ukoll fil-principji ta' **ekwivalenza** u ta' **effettivita`** sanciti fil-gurisprudenza tal-QGUE li t-tnejn jaghti konfort ghal din l-interpretazzjoni logika li qed jissottomettu l-esponenti;

"Illi l-principju ta' **ekwivalenza** jrid illi **kull regola ta' procedura nazzjonali li tista' tintuza fil-qrati nazzjonali tista' tintuza mhux biss biex jigu asseriti drittijiet emanenti mil-ligi nazzjonali izda ghandu jkun possibbli li jintuzaw ukoll sabiex jigu asseriti drittijiet emanenti mil-ligi tal-Unjoni Ewropea, b'mod ekwivalenti**. Ma jistax ikun mod iehor ghax inkella kien ikun mehtieg li jsiru ligijiet Ewropej appositi biex jirregolaw il-procedura ghal talbiet li jsiru f'livell nazzjonali meta huwa aktar facli u logiku li jintuzaw ir-regoli ta' procedura nazzjonali fil-qrati nazzjonali anki biex tigi infurzata l-ligi tal-Unjoni Ewropea;

"Illi l-principju ta' **effettivita`** jrid illi **l-ligi tal-Unjoni Ewropea tinghata effett shih fl-Istati Membri, inkluz fil-u mill-qrati nazzjonali** u illi l-implimentazzjoni tal-ligi Ewropea ma tkunx reza difficli jew sahasitra impossibbli;

"Illi ghaldaqstant, filwaqt li kull Stat Membru jgawdi awtonomija procedurali fir-rigward tar-regoli ta' procedura li jghoddu f'dak il-pajjiz, l-awtonomija procedurali trid tirrispetta l-obbligi naxxenti mill-imsemmija principji ta' ekwivalenza u effettivita`;

"Illi d'altronde, kemm il-principju ta' ekwivalenza u l-principju ta' effettivita` huma rispekkjati fil-kliem u fit-tifsira ta' Artiklu 19(1) tat-Trattat, li huwa l-pern ta' din il-kawza, meta jaghmilha cara illi "*L-Istati*

*Membri ghandhom jipprovdu r-rimedji mehtiega sabiex jassiguraw protezzjoni legali effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt ta' l-Unjoni*". Huwa proprju dan li qed jirreklamaw ir-rikorrenti u cioe` li huma jinghataw 'protezzjoni legali effettiva' u huma ma jkollhomx protezzjoni legali effettiva jekk lanqas biss jithallas jifthu kawza fuq punt daqstant kardinali fil-ligi Ewropea;

"Illi dan ifisser illi ai termini ta' Artiklu 19(1) tat-Trattat u tal-principji ta' ekwivalenza u effettivita` ir-rikorrenti ma jistghux jigu michuda l-access ghal din il-kawza seabiex jirreklamaw l-invalidita` ta' provvedimenti ta' ligijiet nazzjonali (kif ukoll l-implementazzjoni taghhom) ghaliex dan, minnu nnifsu jikkostitwixxi ksur tal-istess Artiklu 19(1) tat-Trattat;

"Illi ghaldaqstant huwa frivolu l-argument reklamat mill-intimati illi r-rikorrenti ma jistghux jistriehu fuq Artiklu 19(1) tat-Trattat. Jistghu jistriehu e come;

"Illi kif intqal aktar 'il fuq, fil-mori ta' din il-kawza inghatat is-sentenza tant mistennija mill-QGUE fil-kaz *Commission v Poland (C-619/18)* li tikkonferma proprju kemm it-**tifsira** kif ukoll l-**applikabilita`** ta' Artiklu 19(1) ghal dan il-kaz;

"Illi fis-sentenza taghha, il-QGUE qalet illi t-tifsira ta' Artiklu 19(1) tat-Trattat hija li tizgura li kull persuna ghandu jkollha d-dritt li tasserixxi d-drittijiet taghha fil-livell nazzjonali u illi l-qrati nazzjonali ghandhom l-obbligu li jaghti protezzjoni legali effettiva. Il-QGUE fakkret illi "*the European Union is a union based on the rule of law in which **individuals have the right to challenge before the courts the legality of any decision or other national measure concerning the application to them of any EU act**".* Dan id-dritt ghal access ghall-qrati jinghata "*concrete expression"* f'Artiklu 19(1) tat-Trattat "*which entrusts the responsibility for ensuring the full application of EU law in all Member States and judicial protection of the rights of individuals under that law to **national courts** and tribunals and to the Court of Justice".* Bl-istess mod, l-Istati Membri huma obbligati "*to provide remedies sufficient to ensure effective judicial protection for individuals in the fields covered by EU law. It is therefore essential for Member States to establish a system of legal remedies and procedures ensuring effective judicial review in those fields*". (Case C-619/18, *Commission v Poland* [2019] 14 June, 2019, para.44-48).

"Illi fl-istess sentenza, il-QGUE indirizzat ukoll il-punt dwar jekk l-Artiklu 19(1) japplikax biss f'kazi fejn il-qorti nazzjonali tkun qed titratta specifikament punt ta' ligi Ewropea jew jekk japplikax ukoll f'kaz bhal dak odjern. It-twegiba taghha kienet inekwivoka: il-qrati nazzjonali ghandhom dejjem jirrispettaw il-principju ta' protezzjoni legali effettiva (li jinkludi evidentement kemm l-access ghall-gustizzja kif ukoll il-principju tal-indipendenza tal-gudikatura) ghaliex huma parti mis-sistema gudizzjarja Ewropea u jistghu jintalbu jiddeciedu dwar punt ta' dritt Ewropew fi kwalunkwe hin. **Ghall-QGUE, l-Artiklu 19(1) "*refers***

***to 'the fields covered by Union law', <u>irrespective of whether the Member States are implementing Union law</u> within the meaning of Article 51(1) of the Charter."*** (para. 50).

"Illi ma jregix kwindi l-argument tal-intimati li l-individwi ma jistghux jitolbu li jigi nfurzat Artiklu 19(1) tat-Trattat. Semmai, l-oppost huwa korrett: l-individwi ghandhom kull dritt jitolbu huma stess li jinghataw protezzjoni legali effettiva. Li kieku ma kienx hekk kieku xi protezzjoni legali effettiva hi?

"Illi kellha kull ragun mela, l-ewwel Qorti tiddeciedi li din il-kawza hija *action popolaris* ai termini ta' Artiklu 116 tal-Kostituzzjoni u li r-rikorrenti ghandhom kull dritt iressqu din il-kawza minghajr il-htiega li juru xi interess personali b'appogg ghall-azzjoni taghhom".

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

32. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tibda billi tissenjala li l-Prim Awla tal-Qorti Civili ghandha kompetenza dupplici, dik li tisma' kawzi ta' natura ordinarja u dik li tisma' kawzi ta' natura kostituzzjonali, izda f'dawn ir-rwoli taghha hija tibqa' dejjem qorti wahda bil-funzjoni li tiddeciedi kemm kwistjonijiet ta' natura ordinarji u dawk ta' natura kostituzzjonali, <u>anke jekk il-kwistjonijiet jigu sollevati fl-istess kawza</u> li tkun bdiet bhala kawza ordinarja. Ghaldaqstant l-argument tal-konvenuti indirizzat lejn il-fatt li fir-rikors promotur u fis-sentenza appellata ma giex specifikat li f'dan il-kaz il-Prim Awla kienet qed tezercita l-funzjoni kostituzzjonali taghha, ma jimmilitax kontra t-tezi tal-atturi u l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-azzjoni hija fil-fatt dik imsejha *actio popularis* kontemplata fl-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni. Ukoll, kif korrettement jghidu l-atturi l-kwistjonijiet sollevati jemanu mill-istess fatt, jigifieri s-sistema ta' hatra ta' gudikanti, u din il-Qorti ma tara ebda ostakolu legali li dawn jigu trattati f'kawza

wahda ta' natura kostituzzjonali, *multo magis* meta dak li fil-verita` qed jigi attakkat bhala invalidu huma emendi ghal artikoli specifici tal-Kostituzzjoni.

33. Fit-tieni lok, din il-Qorti tosserva li huwa zbaljat l-argument tal-konvenuti li, fil-kaz odjern mhux qed tigi attakkata *"l-validita` ta' xi ligi"*, imma s-sistema ta' hatra tal-gudikanti u l-ezercizzju ta' dik is-setgha *"b'referenza ghal hatriet partikolari".* Fil-fatt dak li verament qed jigi attakkat huma l-ligijiet fihom infushom, senjatament l-emendi ghall-artikoli 96, 96A u 101 tal-Kostituzzjoni li joholqu dik is-sistema; certament mhux qed tigi attakkata l-uzu tas-setgha fdata lill-Prim Ministru, izda l-ligijiet li minnhom temani dik is-setgha.

34. Barra minnhekk, mill-ewwel talba tar-rikors promotur jirrizulta car li l-azzjoni tal-atturi hija diretta, mhux biss lejn hatriet partikolari, izda wkoll lejn hatriet futuri.

35. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*Il-Hames Aggravju tal-Konvenuti*

36. Dan hu dirett lejn dik il-parti tas-sentenza appellata li tirreferi ghall-artikoli 19[1] tat-Trattat u l-artikolu 47 tal-Karta u irrizervat li tiddeciedi il-punt, jekk dawn l-artikoli "*jikkostitwux ligi tal-Unjoni u sa fejn huma applikabbli ghall-kaz in diamina trid tigi ezaminata fil-mertu tal-azzjoni pero` ma tistax tintlaqa' l-eccezzjoni preliminari tal-intimati f' dak ir-rigward.*

37. Il-konvenuti jissottomettu li huwa l-artikolu 51 tal-Karta stess li jipprovdi n-nuqqas ta' applikabbilita` tal-Karta ghal kwistjonijiet bhal dik odjerna. Dan l-artikolu jipprovdi li d-dispozizzjonijiet tal-Karta japplikaw ghall-Istati Membri biss meta jkunu qed jimplimentaw il-ligi tal-Unjoni. Din il-pozizzjoni tinsab konfortata mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, fosthom l-kawza C-483/12 *Pelckmans.* Il-konvenuti jiccitaw estensivament minn kazistika lokali[10] in sostenn tas-sottomissjoni taghhom.

38. Ikomplu jfissru hekk dan l-aggravju:

> "Illi fil-kawza odjerna huwa car li l-azzjoni tal-appellati tirrigward l-mekkanizmu tal-hatra tal-membri tal-gudikatura liema mekkanizmu hua stipulate fil-Kostituzzjoni ta' Malta u ghalhekk l-azzjoni tar-rikorrenti ma tirrigwardax twettiq ta' ligi tal-Unjoni Ewropea izda materja li taqa' esklussivament fl-ambitu tal-kompetenza tal-Istat Membru bil-konsegwenza li d-disposizzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea mhumiex applikabbli. Dan wisq izjed meta ma hemm ebda att tal-Unjoni Ewropea li jistabbilixxi xi

[10] Kawza PA[SK] numru 16/2011 *Raymond Caruana v. L-Avukat Generali* deciza fit-28 ta' Frar 2013 u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru 201 u kawza 89/2013 PA[SK] *Salvatore Oliveri v. L-Avukat Generali et* deciza fit-8 ta' Gunju 2015

metodu mandatorju ghal-hatra tal-gudikanti fl-Istati Membri. Illi l-fatt wahdu li l-appellati jallegaw li tali mekkanizmu jikkozza mal-provvedimenti tat-Trattat ma jfissirx li hemm implimentazzjoni ta' ligi ta' l-Unjoni u dan stante li dak li qeghdin jilmentaw minnu l-appellati huwa mekkanizmu fil-ligi nazzjonali".

39. Min-naha taghhom l-atturi jirribattu ghal dan l-aggravju bil-mod segwenti:

"Illi l-ewwel Qorti kellha ragun thalli dan il-punt sabiex jigi kkunsidrat aktar tard matul il-kawza **wara** li tkun instemghet il-kawza u **wara** li jkunu tressqu l-provi;

"Illi huwa minnu illi fl-Opinjoni tieghu qabel ma nghatat is-sentenza *Commission v Poland*, l-Avukat Generali tal-QGUE Tanchev, esprima l-fehma li l-Karta ma tapplikax fil-kaz in dizamina. Madankollu, minn dakinhar 'l hawn inghatat is-sentenza finali f'dak il-kaz u fis-sentenza taghha, il-QGUE issorvolat dan il-punt ghaliex qalet li fil-waqt li japplika Artiklu 19(1) tat-Trattat, dan l-artiklu ghandu jinqara skont it-tifsira moghtija minn Artiklu 47 tal-Karta u dan irrispettivament jekk tkun qed tigi implimentata ligi tal-Unjoni Ewropea jew le;

"Il-QGUE qalet hekk f'para. 54 sa 59 tas-sentenza:

"...**Article 19(1) TEU requires Member States to provide remedies that are sufficient to ensure effective legal protection, within the meaning in particular of Article 47 of the Charter, in the fields covered by EU law** (judgment of 14 June 2017, *Online Games and Others,* C685/15, EU:C2017:452, paragraph 54 and the case-law cited).

"**More specifically, every Member State must, under the second subparagraph of Article 19(1) TEU, ensure that the bodies which, as 'courts or tribunals' within the meaning of EU law, come within its judicial system in the fields covered by EU law meet the requirements of effective judicial protection** (judgments of 27 February 2018, *Associação Sindical dos Juízes Portugueses,* C64/16, EU:C:2018:117, paragraph 37, and of 25 July 2018, *Minister for Justice and Equality (Deficiencies in the system of justice*), C216/18PPU, EU:C:2018:586, paragraph 52).

"In the present case, it is common ground that the Sad Najwyższy (Supreme Court) **may be called upon to rule on questions concerning the application or interpretation of EU law and that, as a 'court or tribunal', within the meaning of EU law, it comes within the Polish judicial system in the 'fields covered**

**by Union law' within the meaning of the second subparagraph of Article 19(1) TEU, so that that court must meet the requirements of effective judicial protection** (order of 17 December 2018, *Commission v Poland*, C619/18R, EU:C:2018:1021, paragraph 43).

"To ensure that a body such as the Sad Najwyższy (Supreme Court) is in a position to offer such protection, **maintaining its independence is essential, as confirmed by the second paragraph of Article 47 of the Charter,** which refers to access to an 'independent' tribunal as one of the requirements linked to the fundamental right to an effective remedy (see, to that effect, judgments of 27 February 2018, *Associação Sindical dos Juízes Portugueses,* C64/16, EU:C:2018:117, paragraph 41, and of 25 July 2018, *Minister for Justice and Equality* (*Deficiencies in the system of justice*), C216/18PPU, EU:C:2018:586, paragraph 53).

"**That requirement that courts be <u>independent</u>, which is inherent in the tast of adjudication, forms part of the essence of the right to effective judicial protection and the fundamental right to a fair trialo, which is of cardinal importance as a guarantee that all the rights which individuals derive from EU law will be protected and that the values common to the Member States set out in Article TEU, in particular the value of the rule of law, will be safeguarded** (see, to that effect, judgment of 25 July 2018, *Minister for Justice and Equality (Deficiences in the system of justice)*, C216/18PPU, EU:C:2018:586, paragraphs 48 and 63).

"Having regard to the foregoing, the national rules called into question by the Commission in its action may be reviewed in the light of the second subparagraph of Article 19(1) TEU and it is therefore necessary to examine whether the infringements of that provision alleged by that institution are established.

"In vista tas-suespost huwa aktar milli car li mhux biss japplika Artiklu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewrope fil-kaz odjern, izda li dan japplika "*within the meaning in particular of Article 47 of the Charter"*;

"Illi l-esponenti jfakkru illi ai termini ta' Artiklu 5(1) tal-Att tal-2003 dwar l-Unjoni Ewropea (Att V tal-2003), kull punt ta' dritt ta' ligi Ewropea li jqum quddiem il-qrati nazzjonali ghandu jitqies bhala 'punt ta' dritt' u ghandu jigi deciz skont il-principji stabbiliti u skond id-decizjonijiet tal-QGUE.

"**5.** (1) "*Ghall-finijiet ta'* ***kull procediment quddiem xi qorti*** *jew awtorita` gudikanti ohra, kull kwistjoni dwar it-tifsir jew l-effett tat-Trattat, jew dwar il-validita`, tifsir jew effett ta' xi istrumenti li johorgu minnu jew tahtu, ghandha tigi ttrattata bhala punt ta' dritt u jekk ma tkunx riferita lill-Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, tkun*

> *ghad-decizjoni bhala tali* ***skont il-principji stabbiliti minn, u kull decizjoni rilevanti ta', il-Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej*** *jew ta' kull qorti marbuta maghha.*"

> "Illi dan ifisser illi dan il-kaz ghandu jigi deciz skont il-principji stabbiliti mill-QGUE kif ukoll minn kull decizjoni relevanti tal-QGUE. Huwa aktar minn car illi l-kaz *Commission v Poland* huwa relevanti f'dan il-kaz, anzi f'certi aspetti ta' fatti sahansitra identiku;"

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

40. Din il-Qorti tibda billi tissenjala li minn imkien fil-parti disposittiva tas-sentenza ma saret referenza ghall-Karta jew ghal xi artikoli ta' dik il-ligi u ghalhekk ma jistax validament jinghad li dan il-punt gie deciz fis-sentenza appellata; anzi ghal kuntrarju ta' dak sottomess mill-konvenut, jirrizulta mill-korp tas-sentenza appellata l-ewwel Qorti irrizervat li tippronunzja ruhha fuq l-applikabbilita` o meno tal-Karta f' dan il-kaz meta tikkunsidra l-azzjoni fil-mertu.

41. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex fondat u qed jigi michud.

*L-Ewwel Aggravju tal-Atturi*

42. Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni skorretta tal-kuncett ta' *victim status* meta tat interpretazzjoni restrittiva lil dan il-kuncett billi ekwiparat l-interess guridiku rikjest fil-kawzi ta' natura kostituzzjonali jew konvenzjonali mal-kuncett rikjest fil-kawzi ordinarji. Huma fissru hekk l-aggravju taghhom:

"Illi r-rikorrenti appellanti jemmnu li l-mod kif din l-Onorabbli Qorti interpretat l-interess guridiku mitlub f'kawza fejn hemm allegazzjuoni ta dritt fondamentali tal-bniedem hu **<u>ristrett wisq</u>** u allura **<u>mhux</u>** in linea mal-ahhar gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, anke ghaliex bl-interpretazzjoni moghtija minn din l-Onorabbli Qorti tigi dghajfa s-supremazija tal-Kostituzzjoni peress li tigi li hemm differenza bejn l-interess guridiku rikjest f'kawza kostituzzjonali (public law) u dak rikjest f'kawza fid-dritt privat;"

……………. Omissis …………………………

"Illi r-rikorrenti jemmnu li fuq il-punt jekk hemmx ksur jew le ta' dritt fondamentali it-test **<u>m'huwiex</u>** jekk hemmx interess guridiku (mansjoni ta' dritt civili), imma semplicement jekk ir-rikorrent ghandux '*victim status*' (li hu kuncett radikalment differenti),

"Illi l-appellanti jemmnu li l-Ewwel Qorti tat interpretazzjoni skorretta tal-argument li l-eziswtenza biss ta' ligi li tista' (anke) potenzjalment timpata fil-gejjieni lir-rikorrenti fit-tgawdija tad-drittijiet fundamentali taghhom trendihom *victim status*,

"Illi l-appellanti jemmnu li skond l-ahhar gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, huma lanqas ghandhom ghalfejn juru li huma personalment, direttament u negattivament impattati b'dik il-ligi li huma jkunu qed jimpunaw (ara sentenza tal-QEDB, **Dudgeon**, 22 October 1981, para. 41; **Norris**, 26 October 1988, para 31-34; **Modinos**, 23 April 1993, para. 24. Ara wkoll, **Marckx v Belgium** '*Article 25 (now 34) of the Convention entitles individuals to contend that a law violates a right by itself, in the absence of an individual measure of implimetnation, if they run risk of being directly affected by it*', 13 June 1979, para 27;);

"Illi l-***Practical Guide on Admissibility Criteria*** (Updated on 31 December 2018) tal-QEDB jindika car li:

> "*Victim status*
>
> *"a. Notion of 'victim'*
>
> *"15. The word 'victim', in the context of Article 34 of the Convention, denotes the person or persons directly or indirectly affected by the alleged violation. Hence, Article 34 concerns not just the direct victim or victims of the alleged violation, but also any indirect victims to whom the violation would cause harm or who would have a valid and personal interest in seeing it brought to an end (Vallianatos and Others v. Greece [GC], §§47).*
>
> *"**<u>The notion of 'victim' is interpreted autonomously and irrespective of domestic rules such as those concerning interest in or capacity to take action (Gorraiz Lizarraga and Others v. Spain, § 35)</u>** …. It does not imply the existence of*

*prejudice (Brumarescu v. Romania [GC], § 50), and an act that has only temporary legal effects may suffice (Monnat v. Switzerland, § 33).*

*"16. The interpretation of the term 'victim' is liable to evolve in the light of conditions in contemporary society and it must be applied without excessive formalism (ibid., §§ 30-33; Gorraiz Lizarraga and Others v. Spain, § 38; Stukus and Others v. Poland, § 35; Zietal v. Poland, §§54-59).'*

"Illi tant kemm hu veru li n-nozzjoni ta' victim status hija differenti kompletament minn x'jikkostitwixxi Interess guridiku fil-kamp tad-Dritt Civili li l-QEDB fil-kawza **Gorraiz Lizarraga and Others v. Spain (10.11.2004):**

"35. *The Courts points out that, in order to rely on Article 34 of the Convention, two conditions must be met: an applicant must fall into one of the categories of petitioners mentioned in Article 34, and he or she must be able to make out a case that he or she is the victim of a violation of the Convention.* ***According to the Court'sw established case-law, the concept of 'victim' must be interpreted autonously and irrespective of domestic concepts such as those concerning an interest or capacity to act****. In addition, in order for an applicant to be able to claim to be a victim of a violation of the Convention, there must be a sufficiently direct link between the applicant and the harm which they consider they have sustained on account of the alleged violation (see, among other authorities, Tauira and others v. France, no 28204/95, Commission decision of 4 December 1995, Decisions and Reports (DR) 83-B, p. 112; Association des amis de Saint- Raphael et de Frejus and Others v. France, no 38192/97, Commission decision of 1 July 1998, DR 94-B, p. 124; Comite des medecins a` diplomes etrangers v. France and Others v. France (dec.), nos. 39527/98 and 39531/98, 30 March 1999).*

"Il-QEDB fil-kawza **VALLIANATOS AND OTHERS v. GREECE** (Applications nos. 29381/09 and 32684/09) (**7 November 2013**) qalet hekk regghet dwar '*Victim status*

"47. The Court reiterates that, in order to rely on Article 34 of the Convention, an applicant must meet two conditions: he or she must fall into one of the categories of petitioners mentioned in Article 34 and must be able to make out a case that he or she is the victim of a violation of the Convention. ***According to the Court's established case-law, the concept of 'victim' must be interpreted autonomously and irrespective of domestic concepts such as those concerning an interest or capacity to act (see Gorraiz Lizarraga and Others v. Spain, no. 62543/00, § 35, ECHR 2004-III). The word 'victim', in the context of Article 34 of the Convention, denotes the person or persons directly***

> ***<u>or indirectly affected by the alleged violation (see SARL du Parc d'Activites de Blotzheim v. France, no. 72377/01, § 20, 11 July 2006). Hence, Article 34 concerns not just the direct victim or victims of the alleged violation, but also any indirect victims to whom the violation would cause harm or who would have a valid and personal interest in seeing it brought to an end</u>*** *(see, mutatis mutandis, Defalque v. Belgium, no <u>37330/02,</u> § 46, 20 April 2006, and Tourkiki Enosi Xanthis and Others v. Greece, no. <u>26698/05,</u> § 38, 27 March 2008)'*

"Il-QEDB qed tkompli twessa' d-definizzjoni ta' vittma ghal fini ta' x'inhu *victim status*. Xhieda ta' dan hija **The Centre for Legal Resources on Behalf of Valentin Campeanu v. Romaia (17 July 2014), u KOSAITE-CYPIENE AND OTHERS v. LITHUANIA** (Application no. <u>69489/12</u>) (4th June 2019):

> *"70. The Court also reiterates that Article 34 of the Convention* ***<u>entitles individuals to contend that a law violates their rights by itself, in the absence of an individual measure of implementation, if they run the risk of being directly affected by it</u>*** *(see Open Door and Dublin Well Woman v. Ireland, 29 October 1992, § 44, Series A no. 246-A, and Religionsgemeinschaft der Zeugen Jehovas and Others v. Austria, no. <u>40825/98</u>, § 90, 31 July 2008). Although it has not been asserted that the fourth applicant in this case was pregnant when lodging this application, it is not disputed that she belonged to a category of women – namely, those of child-bearing age – that may be adversely affected by the restrictions imposed by the prohibition on the privision of medical assistance during home births. She was not seeking to challenge in abstracto the compatibility of Lithuanian law with the Convention, since she ran a risk of being directly prejudiced by the measure complained of. The fourth applicant can thus claim to be a 'victim' within the meaning of Article 34 of the Convention'.*[11]

43. Min-naha taghhom il-konvenuti jirribattu li biex tigi proposta azzjoni kostituzzjonali jehtieg li l-applikant juri li jikkwalifika bhala vittma fis-sens konvenzjonali, jigifieri li ghandha stat ta' vittma, anke jekk

---

[11] Ara wkoll: **LIBLIK AND OTHERS v. ESTONIA** (Applications nos. <u>173/15</u> and 5 others, 28 May 2019) 110. "*As regards private life, the Court has previously held that it may be open to doubt whether a legal entity can have a private life within the meaning of Article 8. However, it can be said that its mail and other communications are covered by the notion of "correspondence", which applies equally to communications originating from private and business premises. The Court has previously accepted that, in the context of secret surveillance activities, legal entities are entitled to the protection afforded by Article 8, and can thus claim to be victims under that Article (see Association for European Integration and Human Rights and Ekimdzhiev v. Bulgaria, no. <u>62540/00</u>, § 60, 28 June 2007)."*

indiretta, u mhuwiex permess li persuna tipproponi azzjoni kostituzzjonali fl-astratt, kif qed jippretendu l-atturi. Dan jiddistingwi tali azzjoni mill-*actio popularis* fejn mhux mehtieg l-interess guridiku biex l-azzjoni tigi proposta proceduralment skond il-ligi. Huma jfissru hekk ir-risposta taghhom:

> "L-appellati jibdew billi jirrilevaw li certament li wiehed mill-presupposti processwali biex persuna tkun tista' tressaq azzjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali huwa li dak li jkun irid juri li huwa vittma tal-vjolazzjoni kostituzzjonali jew tal-konvenzjoni li tkun qed tigi allegata (ara *L-Irlanda vs Ir-Renju Unit* – applikazzjoni numru 5310/71 deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-18 ta' Jannar 1978 u *D vs Ir-Repubblika Federali tal-Germanja* – applikazzjoni numru 9320/81 deciza fil-plenarja mill-Kummissjoni fil-15 ta' Marzu 1984). Ghalhekk mhuwiex permissibbli li persuna tressaq azzjoni konvenzjonali jew kostituzzjonali fl-astratt (ara *Klass u ohrajn vs Il-Germanja* – applikazzjoni numru 5029/71 deciza fis-6 ta' Settembru 1978) fejn jinghad illi «….. *an individual applicant should claim to have been actually affected by the violation he alleges*» u aktar 'il quddiem li l-azzjoni konvenzjonali «…… *does not institute for individuals a kind of actio popolaris for the interpretation of the Convention; it does not permit individuals to complain against a law in abstracto simply becasue they feel that it contravenes the Convention*».
>
> "Illi ghalhekk, ghall-kuntrarju ta' dak li l-appellanti jargumetnaw fl-appell in risposta, hija l-Konvenzjoni Ewropea stesws li tezigi minghajr ebda eccezzjonijiet li l-applikant li jkollha quddiemha juri li 'vittma' ai termini tal-istess Konvenzjoni. Illi huwa minnu li l-kuncett ta' 'vittma' jrid jigi interpretat b'mod awtonomu mil-ligi nazzjonali, madanakollu dan ma jfissirx li persuna tista' tintavola azzjoni kontravenzjonali (u anke kostituzzjonali) minghajr ma tipprova li hija ghandha stat ta' 'vittma' skont il-konvenzjoni (u l-kostituzzjoni). In fatti l-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni jaghmilha cara li applikazzjonijiet jistghu isiru biss minn persuni '*claiming to be the victim of a violation*' li jfisser ukoll li persuna ma titax tallega vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taghha sakemm ma turix li hija 'vittma'. Illi persuna tista' tkun vittma diretta tal-vjolazzjoni bhal per ezempju jekk persuna tigi assoggettata ghal trattament inuman jew degradanti f'kuntest ta' detenzjoni jew tista' tkun ukoll vittma indiretta jekk il-vittma tigi nieqsa u minflokha jidhlu l-eredi mandanakollu l-eredi ma jikkwalifikawx awtomatikament bhala vittmi indiretti peress li dawn jkunu jridu juru li ghandhom interess legali bhala l-familja prossima tal-vittma.

"Illi jekk wiehed janalizza b'mod mirqum dak li tikkunsidra bhala stat ta' 'vittma' l-Qorti Ewropea wiehed isib li dan huwa essenzjalment dak li jsawwar il-principju ta' interess guridiku fil-kuntest domestiku. Illi f'dan ir-rigward, l-appellati jaghmlu referenza ghas-sentenza deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Eve sive Evette Agius et vs l-Awtorita` tal-Artijiet et** (rikors kostituzzjonali numru 101/2013LSO mhux appellata) fil-5 ta' Ottubru 2017 fejn gie osservat illi "*l-interess guridiku f'kawzi bhal dik odjerna jirrizulta lil kull persuna li tallega li xi dritt kostituzzjonali u/jew konvenzjonali tkun giet, tkun qed tigi jew tkun x'aktarx ser tigi miksura (art. 46(1) tal-Kostituzzjoni u 4(1) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta). Huwa risaput ukoll li l-element tal-interess guridiku fil-kuntest ta' kawzi ghat-tfittxija ta' drittijiet u libertajiet fundamentali tal-bniedem huwa marbut mal-kuncett ta' vittma. Dan il-kuncett f'termini konvenzjonali huwa meqjus li hu wiehed awtonomu, li jinghata interpretazzjoni mill-Qorti Ewropea (ECtHR) indipendentement mill-interpretazzjoni moghtija fil-ligi domestika. 'The essence of the rule is that the applicant claims to be directly affected in some way by the matter complained of even if the effect is only temporary'. L-istess awturi huma tal-opinjoni li l-Qorti ta' Strasbourg ma tippermettix action popolaris 'nor may the Convention form the basis of a claim in abstracto that a particular law of even constitutional provision contravenes the Convention'. Din hija wkoll il-posizzjoni fil-Kostituzzjoni taghna li ma tippermettix l-actio popolarix ghat-tfittxija ta' protezzoni minn lezjoni attwali jew probabbli ta' drittijiet fundamentali (vide ad es. il-kaz sucitat Conrad Axisa et v Avukat Generali et). Isegwi li meta l-interess guridiku jigi kkunstrastat jehtieg li jigi ppruvat bhala f'azzjoni dwar allegat vjolazzjoni ta' drittijiet u libertajiet fondamentali. Illi kif gia kkonstatat ma ingabitx prova tal-interess guridiku tar-rikorrenti billi dan l-interess jistrieh ta' bilfors fuq it-titlu derivattiv li jista' jkollhom minghand Michael Camilleri.*

"Illi l-appellati jaghmlu wkoll referenza ghas-sentenza aktar recenti deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Onor Simon Busuttil vs L-Avukat Generali et** (rikors kostituzzjonali numru 86/2017) deciza fid-29 ta' Ottubru 2018 fejn gie osservat illi "*Dan ifisser illi min iressaq azzjoni dwar drittijiet fondamentali jrid juri li hua dritt tieghu li sejjer jinkiser, jew x'aktarx sejjer jinkiser, bl-ghemil li dwaru jsir l-ilment. Fi kliem kiehor, irid juri interess guridiku jew – fl-lingwagg tal-gurisprudenza dwar il-Konvenzjoni – li huwa 'vittma', ghax, kif wara kollox sewwa qalet l-ewwel qorti, din tallum ma hijiex action poipolaris. Fil-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali l-attur ma huwiex fost il-'persuni suspettati' u la ma hija sejra tinghata decizjoni dwar drittijiet civili tieghu. Il-posizzjoni legali tal-attur b'ebda mod ma hija sejra tinbidel, tkun xi tkun id-decizjoni li taghti l-qorti Kriminali fuq ir-rikors mressqa quddiemha taht l-art. 546 (4B) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk il-kazijiet imsemmija fit-twegiba tal-attur ma ghandhomx relevanza ghall-kaz tallum billi f'dawk il-kazijiet kollha l-'vittmi' kellhom drittijiet taghhom milquta, jew li setghu jintlaqtu, jew sabu l-posizzjoni legali taghhom mhedda jew mibdula bil-ligijiet jew ghemil impunjati. Tassew illi l-ligi stess taghti dritt lill-attur – bhala l-persuna li ghamel ir-rapport – illi jiftah il-proceduri taht l-art. 546 (4B) tal-Kodici*

*Kriminali, li necessarjament jimplika li ghandu jkun parti f'dawk il-proceduri meta, bhal fil-kaz li dwaru saret il-kawza tallum, ikunu nbdew minn haddiehor, ghax bhal ma ghandu dritt jikkontesta d-decizjoni tal-magistrat ghandu wkoll id-dritt li jiddefendiha meta kontestata minn haddiehor. Madankollu, il-fatt li l-attur ghandu interess li jkun parti fil-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali taht l-art. 546 (4B) tal-Kodici Kriminali ma jfissirx illi f'dawk il-proceduri sejra tittiehed decizjoni fuq akkuza kriminali kontra l-attur jew li sejra tinghata decizjoni fuq id-drittijiet civili tieghu, jew illi sejra ssir xi haga li tista' 'l quddiem tolqot decizjoni bhal dawk; ghalhekk ma hemmx il-kondizzjonijiet mehtiega biex ikun legittimat ilment dwar nuqqas ta' smigh xieraq. Fil-kaz tallum l-interess tal-attur huwa l-interess ta' kull cittadin lli jara li l-ligi tithares, izda, billi din ma hijiex action popolaris, dan ma huwiex bizzejjed biex jaghtih il-legittimazzjoni biex jista' jmexxi bl-azzjoni tallum.*

"Illi fil-fehma tal-esponenti n-nuqqas ta' *victim status* tal-appellanti, kif ben osservat l-Ewwel Onorabbli Qorti, huwa fatali ghall-azzjoni mibnija fuq allegata lezjoni tad-drittijiet konvenzjonali u kostituzzjonali ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u dan stante li gialadarba l-istess appellant ma jinsabux fl-istat ta' 'vittma' li jirrikjedu kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni Ewropea sabiex tigi proposta azzjoni straordinarja bhal ma hija dik ta allegat ksur tad-drittijiet fundamentali, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellha ebda triq ohra ghajr li tiddikjara tali nuqqas da parti tal-appellanti kif ghamlet korrettement.

"Illi fl-aggravju taghhom l-appellanti mkien ma juru kif huma jistghu jigu kkunsidrati bhala 'vittma' skond il-Konvenzjoni Ewropea u l-Kostituzzjoni izda l-argument taghhom huwa wiehed tista' tghid purament akkademiku u *in vacuo* fis-sens li huma ma jorbtux b'mod konkret u tangibbli l-allegazzjonijiet taghhom sabiex juru kif huma jistghu jigu kkunsidrati bhala 'vittmi'."

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

44. Din il-Qorti tibda billi ticcita bran mill-kawza **Kosite-Cypienne and Others v Lithuania** deciza fl-4 ta' Gunju 2019, citata wkoll mill-atturi. Il-parti relevanti li, ma gietx citata mill-atturi fir-rikors tal-appell, taqra hekk:

"67. The Court has consistently held in its case-law that the Convention does not provide for the institution of an *actio popularis* and that its task is <u>not normally to review the relevant law and practice *in abstracto*,</u>[12] but

[12] Sottolinear ta' din il-Qorti

rather to determine whether the manner in which they were applied to, or affected, the applicant[13] gave rise to a violation of the Convention. Accordingly, in order to be able to lodge an application in accordance with Article 34 an individual must be able to show that he or she was "directly affected" by the measure complained of. This is indispensable for putting the protection mechanism of the Convention into motion, although this criterion is not to be applied in a rigid, mechanical and inflexible way throughout the proceedings (see *Roman Zakharov v. Russia* [GC], no. 47143/06, § 164, ECHR 2015, with further references).

"68. In the present case, the Court notes that the applicants complained of the domestic legislation not permitting them to obtain the assistance of a healthcare professional from the Lithuanian healthcare system when giving birth at home. The Court furthermore notes that in the above-cited case of *Dubská and Krejzová* the Grand Chamber assessed a situation under Article 8 of the Convention "where domestic legislation in practice did not allow the provision of medical assistance during home births". The fact that the second and the third applicants were resolved to give birth at home without qualified medical assistance (see paragraphs 13 and 19 above) does not prompt the Court to conclude that they cannot claim to be victims of a violation of their rights under Article 8. Consequently, it dismisses the Government's objection as to these applicants' lack of victim status (see,*mutatis mutandis*, *Pojatina*, cited above, § 46).

……………………. Omissis……………………………"

45. Fit-trattazzjoni orali quddiem l-ewwel Qorti, l-atturi ssottomettew li l-istatus ta' vittma taghhom f'dawn il-proceduri jemanu mill-fatt li s-sistema ta' hatriet tal-gudikatura qed icahhad lic-cittadin milli jkollu access ghal qorti li hi indipendenti, u dan huwa leziv tad-dritt protett bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni

46. Din il-Qorti taqbel mal-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti fir-rigward, li f'dan il-kaz ma jirrizultax *"n-ness fattwali bejn dak li qed jigi sottomess qua sistema ta' hatra fil-gudikatura ma' xi biza' li l-assocjazzjoni ghandha li qed jinkiser u x'aktarx ser jinkiser id-dritt*

[13] Ibid

*taghha ta' smigh xieraq minn Qorti indipendenti fl-ambitu ta' xi determinazzjoni ta' xi dritt civili taghha jew offiza ta' natural kriminali.*[14]" Fi kliem iehor, ma jirrizultax li l-azzjoni imressqa minnhom, in kwantu hi bazata fuq allegazzjoni ta' dritt fundamentali ta' smigh xieraq, taffetwahom direttament jew indirettament. L-atturi jsostnu li dan id-dritt fundamentali ta' kull cittadin potenzjalment jista' jigi lez b'dik is-sistema. Dan mhu xejn ghajr "the institution of an *actio popularis" u kif qalet il-Qorti Ewropea fil-bran fuq citat, "and [the Court's] task is not normally to review the relevant law and practice in abstracto"*

47. Huwa opportun li jigi osservat li din il-konkluzjoni ma iddghajjifx il-principju ta' *"effective judicial protection"* jew id-dritt tac-cittadin ghal access ghal qorti fejn tidhol il-ligi tal-Unjoni Ewropea, stante li c-cittadin li jkollu kaz quddiem il-qrati lokali, li jinvolvi d-determinazzjoni ta' xi dritt civili tieghu jew offiza ta' natura kriminali, jikkwalifika bhala vittma fit-termini tal-artikolu 34 tal-Konvenzjoni u ghalhekk, jekk ihoss li fil-kaz partikolari tieghu mhux ser jinghata smigh xieraq minhabba s-sistema ta' hatra tal-gudikanti, huwa legalment jista' jissolleva dan quddiem il-qorti li tkun qed tisma' l-kaz tieghu. F'dak il-kaz l-applikant ikun vittma dirett, u possibbilment il-qraba qrib tieghu ikunu vittmi indiretti, *"to whom the violation would cause harm or who would have a valid and personal interest in seeing it brought to an end."*[15]

[14] Sottolinear ta' din il-Qorti
[15] *Vallianatos and Others v Greece* [supra]

48. Huwa minnu li l-kuncett ta’ vittma skond l-artikolu 34 tal-Konvenzjoni, kif juru s-sentenzi citati mill-atturi, ghandu interpretazzjoni aktar usa’ minn dak ta’ interess guridiku kif applikat fid-dritt civili lokali, tenut kont li hawn qeghdin fil-kamp tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, pero` dan lanqas m’ghandu jigi interpretat b’mod tant wiesa’ li jigu permessi kawzi fl-astratt, b’mod li jigi menomat il-principju li azzjoni tigi istitwita ghall-beneficju ta’ min jaghmilha jew ta’ persuni qrib tieghu jew tal-eredi tieghu.

49. Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jitqies mhux gustifikat fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, u qed jigi michud.

*It-Tieni Aggravju tal-Atturi*

50. Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni skorretta tal-jedd taghhom taht l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni. Huma jissottomettu li dak propost minnhom mhuwiex li l-artikolu 116 jigi invokat bhala bazi legali ghall-azzjoni ta’ ksur ta’ drittijiet fundamentali tal-bniedem, izda qed jigi invokat sabiex tigi ottenuta dikjarazzjoni gudizzjarja li l-artikoli 96, 96A u 101[16] tal-Kostituzzjoni huma invalidi.

[16] Skond l-Att XLIV tas-sena 2016

51. Barra minnhekk jissottomettu li l-eccezzjoni tal-interess guridiku ma tistax validament tintuza biex jigi mcahhad l-access ghall-gustizzja fejn jista' jkun hemm ksur lampanti tal-Ligi Ewropea. Huma jinvokaw ukoll il-principji ta' *equivalence* u *effectiveness*, identifikati fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea.

52. Huma jfissru hekk dan l-aggravju:

> "Illi r-rikorrenti qatt ma ippretendew, jew ittantaw javvanzaw l-argument illi l-art. 116 tal-Kostituzzjoni jista' jintuza (jew li huma irrikorrew ghalih) biex ikun hemm dikjarazzjoni ta' ksur ta' wiehed mid-drittijiet fundamentali imnizzla fl-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni;
>
> "Illi t-tezi tar-rikorrenti umilment kienet quddiem l-Ewwel Qorti, u ghadha hekk, li l-art. 116 tal-Kostituzzjoni, galadarba jista' jigi invokat biex ikun hemm dikjarazzjoni ta' **invalidita`** ta' <u>**ligi**</u>, minn kwalsiasi persuna, minghajr il-htiega li jipprova interess guridiku jew victim status, qed ikun invokat biex il-Ligi tal-2016 (**Att XLIV tal-2016**) li emendat il-kostituzzjoni kif ukoll l-artikoli 96, 96A u 101 tal-istess Kostituzzjoni huma invalidi; ('*Waqt it-trattazzjoni l-Qorti stabbiliet mill-kjarifika mitluba mid-difensuri tar-rikorrenti illi l-azzjoni saret a bazi tal-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni, cioe` azzjoni popolari fejn qed jigu attakkati bhala invalidi l-artikoli 96, 96A u 101 tal-Kostituzzjoni b'referenza ghal-lezjoni tal-artikoli citati fil-paragrafu precedent (ara fol. 187 u 188 tat-trattazzjoni tad-difensur tar-rikorrenti).*
>
> "Illi l-appellanti jemmnuli huwa ovvju li ghal dak li jirrigwarda <u>**d-dritt taghhom**</u> li jinvokaw l-art. 116 tal-Kostituzzjoni (**minghajr ghalissa, f'dan l-istadju,** m'huma jidhlu fil-mertu jekk ghandhomx raguni jew le fil-mertu) ghandu jkun pacifiku li huma ghandhom kull dritt li jinvokaw l-art. 116 biex l-Att XLIV tal-2016 li emenda l-art. 96, 96A u 101 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-istess artikli tal-Kostituzzjoni jigu dikjarati invalidi ghax jiksru d-drittijiet tar-rikorrenti sija taht il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u sija taht it-Trattat tal-Unjoni Ewropea u sija taht ic-Charter tal-Unjoni Ewropea tad-Drittijiet Fondamentali u sija taht il-Kostituzzjoni ta' Malta;
>
> "Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-Dritt Ewropew: L-eccezzjoni tal-interess guridiku ma tistax tintuza biex jigi mcahhad l-access ghall-gustizzja. Inkella jikiser il-principju ta' *effective judicial protection* u nigu f'sitwazzjoni fejn jista' jkun hemm ksur lampanti tal-ligi Ewropea u hadd ma jista' jitkellem jew jiehu azzjoni.

"Il-President attwali tal-QGUE Koen **Lenaerts** jghid hekk[17] *The rules of national law relating to an individual's locus standi and interest in bringing proceedings* ***__may not detract from the full effectiveness of Union Law__*** *… The Court of Justice has held that persona who do not come within the scope ratione personae of a provision of Union law may nevertheless have an interest in the provision being taken into account vis-à-vis the person protected[18] (Verholen and Others).*

U jkompli:

*"Following from this judgment, the Court has underscored that while it is in principle for national law to determine an individual's locus standi and legal interest in bringing proceedings,* ***__Union law nevertheless requires, in addition to observance of the principles of equivalence and effectiveness, that the national legislation does not undermine the right to effective judicial protection.__*** *(Mono Car Styling[19]).[20]*

"Dwar id-dritt ta' eNGOs li jifthu kawza dwar il-protezzjoni tal-ambjent, Lenaerts jghid hekk:

"…*national courts are under an obligation to interpret national procedural rules relation the conditions to be met in orde5r to bring administrative or judicial proceedings in such a way as to enable an environmental protection organisation to challenge before a court a decision taken following administrative proceedings liable to be contrary to EU environmental law.[21]*

"Illi l-appellanti jemmnu umilment li meta l-art. 116 tal-Kostituzzjoni jiddikjara l-jedd ta' persuna li titlob id-dikjarazzjoni li xi ligi hija invalida, dan jippresupponi li hija invalida fil-konfront ta' riga, ta' livell li mieghu titqabbel. Ma jistax ikun, u zgur mhuwiex logiku, li l-kelma 'invalida' fl-art. 116 tal-Kostituzzjoni tigi ezaminata *in vacuo* u mhux b'mod relattiv ghal standard, ghal riga, ghal livell li mieghu titqabbel".

53. Min-naha taghhom il-konvenuti jirribattu ghal dan l-aggravju bis-sottomissjoni li l-kwistjoni ta' *locus standi* ta' persuna f'kawza taqa' fil-

[17] Koen Lenaerts, Ignace Maselis, Kathleen Gutman, EU Procedural Law, Oxford, 2015, pg. 119. *Verholen and Others:* ECJ, Joined Cases C087/90 to C-89/90 (1991) ECR 103757 para 23-24. *Mono Car Styling,* ECJ, Case C-12/08, ECR 106653, para. 49.

[18] *Verholen and Others:* ECJ, Joined Cases C087/90 to C-89/90 (1991) ECRI03757 para 23-24.

[19] *Mono Car Styling*. ECJ, Case C-12/08, ECR I06653, para. 49.

[20] Ibid. footnote 64.

[21] Ibid, pg. 120. Ara wkoll *Lesoochrankdrske zoskupenie* ECJ, Case C-240/09 (2011) ECR I-1255, paras 47-52.

kompetenza esklussiva tal-Istati Membri u hija regolata bil-ligijiet nazzjonali. Huma jkomplu jirrispondu hekk ghal dan l-aggravju:

> "Illi dan il-principju tal-interess guridiku huwa intiz sabiex il-Qrati ma jigux inondati b'azzjonijiet fejn il-persuna jew entita` li tippromwovihom ma jkollha l-ebda interess dirett u attwali jew fejnm a tkun ser tiehu l-ebda beneficcju mill-istess azzjoni. Dan igib intralc fl-amministrazzjoni tal-gustizzja u nuqqas ta' uzu tajjeb ta' rizorsi. Illi certament huwa indikat li persuna jew entita` politika ghandha tkun tista' twassal il-messagg taghha billi tuza l-fora politici relevanti u mhux tadixxi lill-Qorti sabiex tuza lill-qrati ghall-avvanz ta' argumenti, dibattiti u kampanji politici. Tista' taghmel dan biss jekk fil-fatt ikollha interess guridiku u mhux bahal mezz fih innifsu. L-ghaqdiet volontarji fis-settur ambjentali huma moghtija *status* differenti b'ligi u ukoll permezz tal-Konvenzjoni ta' Aahrus u ghalhekk dak li gie sottomess mill-appellanti li jirreferi ghas-sitwazzjoni fil-qasam tad-dritt ambjentali ma huwiexd applikabbli ghal kazijiet bhal dak odjern. Dak il-kaz huwa proprju l-eccezzjoni li tipprova r-regola."

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

54. Kif diga` fuq osservat, l-azzjoni odjerna hi bazata fuq zewg pilastri, dak ta' vjolazzjoni tal-artikolu 19[1] tat-Trattat u l-artikolu 47 tal-Karta u dak ta' vjolazzjoni ta' dritt fundamentali tal-atturi ghal smigh xieraq. In kwantu ghal din l-ahhar parti, il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-istatus ta' vittma, jew ahjar in-nuqqas ta' dan l-istatus fil-kaz odjern. Min-naha l-ohra, ghal dak li jirrigwarda t-Trattat u l-Karta, l-azzjoni tikkwalifika bhala *actio popularis* u l-atturi ghandhom id-dritt li jinvokaw il-qrati ta' kompetenza kostituzzjonali sabiex tigi dikjarata invalida ligi li tfittex le temenda l-Kostituzzjoni li, joholqu s-sistema tal-hatra ta' gudikanti, li skond huma jmorru kontra l-ligi tal-Unjoni Ewropea. F'dan ir-rigward, l-atturi ma kellhomx ghalfejn

jipprovaw jew juru li ghandhom interess guridiku biex jippromwovu l-azzjoni odjerna. Naturalment, dan qed jinghad minghajr pregudizzju ghal-mertu tal-azzjoni li ghad irid jigi ezaminat u determinat mill-ewwel Qorti.

55. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti sfortunatament rabtet l-artikolu 116 ma' l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni minghajr ma iddistingwiet bejn l-azzjoni in kwantu diretta kontra t-Tratta u l-Karta u l-azzjoni in kwantu diretta lejn l-artikoli li jipprotegu d-dritt ta' smigh xieraq. Huwa minnu li, kif tghid l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata li l-artikolu 116 ma jistax jintuza sabiex tigi promossa azzjoni diretta lejn l-artikoli fuq citati, pero` l-ewwel Qorti kellha taghmel cara id-distinzjoni li l-azzjoni odjerna inkwata bazata fuq allegata vjolazzjoni tat-Trattat u tal-Karta mhijiex proceduralment monka.

56. Ghaldaqstant dan l-aggravju, fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi, huwa gustifikat u qed jigi hekk milqugh.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell tal-atturi limitatament billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn giet michuda l-

eccezzjoni preliminari rigwardanti l-interess guridiku u minflok, filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ddikjarat li l-atturi m' ghandhomx l-interess mehtieg sabiex iressqu l-azzjoni abbazi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u li l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni ma jistax iservi bhala bazi legali valida ghal azzjoni dwar allegat ksur tal-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni, tiddikjara li l-azzjoni tal-atturi in kwantu bazata fuq allegata vjolazzjoni tal-artikolu 19 [1] tat-Trattat u l-artikolu 47 tal-Karta issib bazi legali valida fl-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni;  tilqa' l-appell tal-konvenuti limitatament billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn gie deciz li l-Ministru intimat hu legittimu kontradittur f'din il-kawza u minflok, tiddikjara li l-imsemmi Ministru m' ghandux *locus standi* f'dawn il-proceduri u konsegwentement tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju; tikkonferma s-sentenza appellata ghal bqija.

Spejjez jibqghu rizervati ghal gudizzju finali.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr